

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 192

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

13 ta' Lulju 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

## REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-vacuum cleaners <sup>(1)</sup> .....** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2013 tat-8 ta' Lulju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-vacuum cleaners <sup>(1)</sup> .....** 24
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 667/2013 tat-12 ta' Lulju 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' diklażuril bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Eli Lilly and Company Ltd.) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 162/2003 <sup>(1)</sup>.....** 35
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2013 tat-12 ta' Lulju 2013 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal 2,4-DB, dimetomorf, indossakarb, u piraklostrobina f'ċerti prodotti jew fuqhom <sup>(1)</sup> .....** 39
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 669/2013 tat-12 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex .....
 72

Prezz: EUR 4

*(Ikompili fil-paġna li jmiss)*<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE
**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2013/375/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Portugall** ..... 74

2013/376/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2013 li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2013/13 dwar miżuri temporani marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru (BĊE/2013/21)** ..... 75

---

Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubbli-  
kazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Ara paġna 3 tal-qoxra)



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 665/2013

tat-3 ta' Meju 2013

li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-vacuum cleaners

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/30/UE tad-19 ta' Meju 2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indikazzjoni permezz ta' tikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2010/30/UE tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta atti ddelegati fir-rigward tat-tikkettar ta' prodotti marbuta mal-enerġija li jirrappreżentaw potenzjal sostanzjali għall-iffrankar tal-enerġija u jippreżentaw differenzi estensivi fil-livelli ta' prestazzjoni b'funzjonalià ekwivalenti.
- (2) L-enerġija użata minn vacuum cleaners tammonta għal parti sinifikanti tad-domanda totali tal-enerġija fl-Unjoni. Il-kamp tal-applikazzjoni biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-vacuum cleaners huwa sostanzjali.
- (3) Vacuum cleaners li jnaddfu l-likwidi, dawk li jnaddfu l-likwidi u fix-xott, dawk robot, industrijali, dawk ċentrali u li jaħdmu bil-batterija u magni li jillustraw l-art u vacuum cleaners għal barra kollha għandhom karatteristiċi partikolari u għalhekk għandhom jiġu eżentati mill-kamp tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (4) L-informazzjoni mogħtija fuq it-tikketta għandha tinkiseb bis-saħħa ta' proċeduri ta' kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar reċenti u avvanzati rikonoxxuti inkluż, fejn disponibbli, standards armonizzati adottati mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej, kif elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.

- (5) Dan ir-Regolament għandu jispeċifika disinn u kontenut uniformi għat-tikketta tal-vacuum cleaners.
- (6) Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jispeċifika r-rekwiżiti fir-rigward tad-dokumentazzjoni teknika u l-iskeda għall-vacuum cleaners.
- (7) Dan ir-Regolament għandu jispeċifika wkoll ir-rekwiżiti fir-rigward tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta għall-bejgħ mill-bogħod, għar-reklami u għall-materjal promozzjonali tekniku tal-vacuum cleaners.
- (8) Huwa xieraq li jsir provvediment għal revizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li tqis il-progress teknoloġiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

**Suġġett u kamp tal-applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti għat-tikkettar u l-għoti ta' informazzjoni supplimentari dwar il-prodott għal vacuum cleaners li jitqabbd u mal-mejn tal-elettriku, inklużi vacuum cleaners ibridi.
2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:
  - (a) vacuum cleaners li jnaddfu l-likwidi, dawk li jnaddfu l-likwidi u fix-xott, dawk li jaħdmu bil-batterija, dawk robot, industrijali, jew ċentrali;
  - (b) magni li jillustraw l-art;
  - (c) vacuum cleaners għal barra.

Artikolu 2

**Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/30/UE, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "vacuum cleaner" tfisser apparat li jneħħi l-ħmieġ minn fuq wiċċ li jeħtiegħ jitnaddaf permezz ta' fluss tal-arja maħluq minn pressjoni baxxa żviluppata fl-unità;

<sup>(1)</sup> ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

2. "vacuum cleaners ibridi" tfisser vacuum cleaner li jista' jitħaddem kemm bil-mejn tal-elettriku u bil-batteriji;
3. "vacuum cleaner li jnaddaf il-likwidi" tfisser vacuum cleaner li jneħħi materjal niexef u/jew imxarrab (ħmieġ) minn fuq wiċċ bl-applikazzjoni ta' deterġent b'bażi tal-ilma jew ta' stim fuq il-wiċċ li jeħtieġ jitnaddaf, u jneħhieh, flimkien mal-ħmieġ permezz ta' fluss ta' arja maħluq minn pressjoni baxxa żviluppata fl-unità, inklużi tipi magħrufin l-aktar bħala spray-extraction vacuum cleaners;
4. "vacuum cleaner li jnaddaf il-likwidi u fix-xott" tfisser vacuum cleaner imfassal sabiex ineħħi volum ta' aktar minn 2,5 litri, ta' likwidu, flimkien mal-funzjonalità ta' vacuum cleaner li jnaddaf fix-xott;
5. "vacuum cleaner li jnaddaf fix-xott" tfisser vacuum cleaner imfassal biex ineħħi ħmieġ li huwa prinċipalment xott (trab, fibra, ħjut), inklużi tipi mgħammra b'żennuna attiva li taħdem bil-batterija;
6. "żennuna attiva li taħdem bil-batteriji" tfisser parti fit-tarf li jnaddaf, fornuta b'taġħmir li jiċċaqtaq u li jaħdem bil-batteriji biex jgħin fit-tneħħija tal-ħmieġ;
7. "vacuum cleaner li jaħdem bil-batteriji" tfisser vacuum cleaner li jaħdem bil-batteriji biss;
8. "vacuum cleaner robot" tfisser vacuum cleaner li jaħdem bil-batteriji li jkun kapaċi jaħdem mingħajr intervent mill-bniedem f'perimetru definit, li jikkonsisti f'parti mobbli u stazzjon fiss u/jew aċċessorji oħra biex jgħinu fit-tħaddim tiegħu;
9. "vacuum cleaner industrijali" tfisser vacuum cleaner iddisinjat biex ikun parti minn proċess ta' produzzjoni, iddisinjat għat-tneħħija ta' materjal perikoluż, iddisinjat għat-tneħħija ta' materjal skabruż mill-industriji tal-bini, funde-riji, minjieri jew mill-industriji tal-ikel, bħala parti minn maġni jew għodod industrijali u/jew vacuum cleaner indus-trijali b'tarf wiesa' aktar minn 0,50 m;
10. "vacuum cleaner kummerċjali" tfisser vacuum cleaner għal skopijiet ta' tindif professjonali u maħsub biex jintuża minn persuni sekulari, persunal tat-tindif jew naddafa li jaħdmu b'kuntratt, fuffiċini, ħwienet, spartarjiet u ambjenti tal-lukandi, iddikjarati fid-Dikjarazzjoni tal-Konformità mill-manifattur bħala tali li jappartjenu għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>;
11. "vacuum cleaner ċentrali" tfisser vacuum cleaner bis-sors tal-pressjoni baxxa b'lokazzjoni fissa (ma tiċċaqtaqx) u bil-konnessjonijiet tal-pajp (il-hose) impoġġija f'pożizzjonijiet fissi fil-bini;
12. "magna li tillostra l-art" tfisser taġħmir elettriku li huwa mfassal biex jiproteġi, jillixxa u/jew jagħmel ċerti tipi ta' art tleqq, ġeneralment imħaddem flimkien ma' lostru li jkun jingħorok fuq l-art permezz tal-apparat u normalment mgħammar ukoll b'funzjonalità awżiljarja ta' vacuum cleaner;
13. "vacuum cleaner għal barra" tfisser apparat li huwa mfassal għall-użu barra sabiex jiġbor f'kontenitur apposta terrapien bħal biċċiet tal-ħaxix u weraq permezz ta' fluss ta' arja maħluq minn pressjoni baxxa żviluppata fl-unità u li jista' jinkludi apparat tat-tqattigħ u li jista' jintuża wkoll bħala blower.
14. "vacuum cleaner ta' daqs sħiħ li jaħdem bil-batteriji" tfisser vacuum cleaner li jaħdem bil-batteriji, li meta jkun iċċarġjat għal kollox, jista' jnaddaf art b'erja ta' 15 m<sup>2</sup> bl-applikazzjoni ta' żewġ daqqiet doppji għal kull parti ta' art mingħajr iċċarġjar mill-ġdid;
15. "vacuum cleaner bl-ilma bħala filter" tfisser vacuum cleaner li jnaddaf fix-xott u li juża aktar minn 0,5 litru ilma bħala l-mezz ewlieni tal-iffiltrar, fejn l-arja miġbuda hija sfurzata tgħaddi mill-ilma biex b'hekk il-materjal niexef jinqabad fl-ilma kif ikun għaddej;
16. "vacuum cleaner għad-djar" tfisser vacuum cleaner maħsuba għall-użu fid-djar jew f'sitwazzjonijiet domestiċi, iddikjarat mill-manifattur bħala tali fid-Dikjarazzjoni tal-Konformità li tikkonċerna d-Direttiva 2006/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>;
17. "vacuum cleaner bi skopijiet ġenerali" tfisser vacuum cleaner li jiġi b'żennuna fissa jew tal-anqas b'żennuna waħda li tinqala' maħsub għat-tindif kemm ta' twapet kif ukoll ta' art iebsa, jew fornuta bit-tnejn li huma jiġifieri tal-anqas b'żennuna waħda li tinqala' mfassla speċifikament għat-tindif tat-twapet u tal-anqas żennuna waħda li tinqala' għat-tindif ta' art iebsa;
18. "vacuum cleaner għal art iebsa" tfisser vacuum cleaner fornut b'żennuna fissa mfassla speċifikament għat-tindif ta' art iebsa, jew fornut biss b'żennuna waħda li tinqala' jew aktar, imfasslin speċifikament għat-tindif ta' art iebsa;
19. "vacuum cleaner għat-twapet" tfisser vacuum cleaner fornut b'żennuna fissa mfassla speċifikament għat-tindif tat-twapet, jew fornut biss b'żennuna waħda jew aktar li tinqala' imfasslin speċifikament għat-tindif tat-twapet;
20. "vacuum cleaner ekwivalenti" tfisser mudell ta' vacuum cleaner li jitqiegħed fis-suq u jkollu l-istess potenza input, l-istess konsum annwali ta' enerġija, l-istess trab miġbur mit-twapet u minn fuq art iebsa, l-istess emissjoni mill-ġdid tat-trab, l-istess livell fil-qawwa tal-ħoss, l-istess durabilità tal-pajp u l-istess haġja tal-mutur operazzjonali bħal mudell ieħor ta' vacuum cleaner li jitqiegħed fis-suq mill-istess manifattur imma b'numru tal-kodiċi kummerċjali differenti.

### Artikolu 3

#### Responsabbiltajiet tal-fornituri u skeda taż-żmien

1. Il-fornituri għandhom jiżguraw li mill-1 ta' Settembru 2014:
  - (a) kull vacuum cleaner ikun fornut b'tikketta stampata fil-format u bil-kontenut kif stipulat fl-Anness II;

<sup>(1)</sup> ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

<sup>(2)</sup> ĠU L 374, 27.12.2006, p. 10.

- (b) tkun disponibbli skeda tal-prodott, kif stabbilit fl-Anness III;
- (c) id-dokumentazzjoni teknika, kif stipulata fl-Anness IV, tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq talba tagħhom
- (d) jekk tkun qed tingħata informazzjoni relatata mal-enerġija jew mal-prezz, kull reklamar għal mudell speċifiku ta' vacuum cleaner għandu jindika l-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija;
- (e) kwalunkwe materjal tekniku ta' promozzjoni dwar mudell speċifiku ta' vacuum cleaner li tiddekrivi l-parametri tekniċi speċifiċi tindika l-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' dak il-mudell.
2. Il-format tat-tikketta stipulata fl-Anness II se japplika skont l-iskeda li ġejja:
- (a) għal vacuum cleaners li tqiegħdu fis-suq mill-1 ta' Settembru 2014 it-tikketti għandhom ikunu skont it-tikketta 1 tal-Anness II;
- (b) għal vacuum cleaners li tqiegħdu fis-suq mill-1 ta' Settembru 2017 it-tikketti għandhom ikunu skont it-tikketta 2 tal-Anness II.

#### Artikolu 4

##### Responsabbiltajiet tan-negozjanti

In-negozjantighandhom jiżguraw li mill-1 ta' Settembru 2014:

- (a) Kull mudell ippreżentat fil-punt tal-bejgħ għandu tikketta pprovduta mill-fornituri skont l-Artikolu 3 li tidher fuq barra tal-apparat jew imdendla miegħu b'mod li tkun viżibbli b'mod ċar;
- (b) il-vacuum cleaners offruti għall-bejgħ, għall-kiri jew għax-xiri bin-nifs f'postijiet fejn l-utent aħħari ma jkunx mistenni jara l-prodott għall-wiri, kif speċifikat fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/30/UE, jiġu kkummerċjalizzati bl-informazzjoni pprovduta mill-fornituri skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament;
- (c) jekk tkun qed tingħata informazzjoni relatata mal-enerġija jew mal-prezz, kull reklamar għal mudell speċifiku ta' vacuum cleaner għandu jindika l-informazzjoni dwar il-prezz jew il-klassi tal-effiċjenza enerġetika;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2013.

- (d) kwalunkwe materjal tekniku ta' pubbliċità dwar mudell speċifiku ta' vacuum cleaner li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi jkun fil-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' dak il-mudell.

#### Artikolu 5

##### Metodi ta' kejl

L-informazzjoni li għandha tingħata skont l-Artikoli 3 u 4 għandha tinkiseb permezz ta' metodi tal-kejl u tal-kalkolu li jkunu affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi tal-kejl u tal-kalkolu l-aktar avvanzati rrikonoxxuti, kif stipulat fl-Anness VI.

#### Artikolu 6

##### Proċedura ta' verifika għall-finijiet ta' sorveljanza tas-suq

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura stipulata fl-Anness VII meta jevalwaw il-konformità tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika, il-klassijiet tal-prestazzjoni tat-tindif, il-klassi tal-emissjoni mill-ġdid tat-trab, il-konsum annwali tal-enerġija u l-livell tal-qawwa tal-ħoss iddikjarati.

#### Artikolu 7

##### Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku sa mhux aktar tard minn ħames snin wara li jkun daħal fis-seħħ. Ir-reviżjoni għandha b'mod partikolari tivvaluta t-tolleranzi tal-verifika stabbiliti fl-Anness VII, jekk il-vacuum cleaners ta' daqs sħiħ li jaħdmu bil-batteriji għandhomx ikunu inklużi fil-kamp tal-applikazzjoni u jekk hux vijabbli li jintużaw metodi ta' kejl għall-konsum annwali tal-enerġija, għat-trab miġbur u għall-emissjoni mill-ġdid tat-trab li huma bbażati fuq kejl b'kontenitur parzjalment mimli pjuttost milli b'kontenitur vojti.

#### Artikolu 8

##### Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Dan ir-Regolament għandu japplika għal vacuum cleaners bl-ilma bħala filters mill-1 ta' Settembru 2017.

#### Artikolu 9

##### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

## ANNEX I

**Il-klassijiet għall-effiċjenza enerġetika, il-prestazzjoni tat-tindif u l-emissjoni mill-ġdid tat-trab****1. Klassijiet tal-effiċjenza enerġetika**

Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika ta' vacuum cleaner għandha tkun iddeterminata skont il-konsum annwali tagħha tal-enerġija kif stipulat fit-Tabella 1. Il-konsum annwali tal-enerġija ta' vacuum cleaner għandu jkun iddeterminat skont l-Anness VI.

Tabella 1

**Klassijiet tal-effiċjenza enerġetika**

Klassi tal-Effiċjenza Enerġetika	Konsum annwali tal-enerġija (AE) [kWh/sena]	
	It-tikketta numru 1	It-tikketta numru 2
A+++	Mhux applikabbli	$AE \leq 10,0$
A++	Mhux applikabbli	$10,0 < AE \leq 16,0$
A+	Mhux applikabbli	$16,0 < AE \leq 22,0$
A	$AE \leq 28,0$	$22,0 < AE \leq 28,0$
B	$28,0 < AE \leq 34,0$	$28,0 < AE \leq 34,0$
C	$34,0 < AE \leq 40,0$	$34,0 < AE \leq 40,0$
D	$40,0 < AE \leq 46,0$	$AE > 40,0$
E	$46,0 < AE \leq 52,0$	Mhux applikabbli
F	$52,0 < AE \leq 58,0$	Mhux applikabbli
G	$AE > 58,0$	Mhux applikabbli

**2. Klassijiet tal-prestazzjoni tat-tindif**

Il-klassi tal-prestazzjoni tat-tindif ta' vacuum cleaner għandha tiġi ddeterminata skont it-trab miġbur ( $dpu$ ) tagħha kif stipulat fit-Tabella 2. It-trab miġbur ta' vacuum cleaner għandu jkun iddeterminat skont l-Anness VI.

Tabella 2

**Klassijiet tal-prestazzjoni tat-tindif**

Klassi tal-prestazzjoni tat-tindif	Trab miġbur minn fuq tapit ( $dpu_c$ )	Trab miġbur minn fuq art iebsa ( $dpu_{hf}$ )
A	$dpu_c \geq 0,91$	$dpu_{hf} \geq 1,11$
B	$0,87 \leq dpu_c < 0,91$	$1,08 \leq dpu_{hf} < 1,11$
C	$0,83 \leq dpu_c < 0,87$	$1,05 \leq dpu_{hf} < 1,08$
D	$0,79 \leq dpu_c < 0,83$	$1,02 \leq dpu_{hf} < 1,05$
E	$0,75 \leq dpu_c < 0,79$	$0,99 \leq dpu_{hf} < 1,02$
F	$0,71 \leq dpu_c < 0,75$	$0,96 \leq dpu_{hf} < 0,99$
G	$dpu_c < 0,71$	$dpu_{hf} < 0,96$

**3. Emissjoni mill-ġdid tat-trab**

Il-klassi tal-emissjoni mill-ġdid tat-trab ta' vacuum cleaner għandha tiġi ddeterminata skont l-emissjoni mill-ġdid tat-trab tagħha kif stabbilit fit-Tabella 3. L-emissjoni mill-ġdid tat-trab ta' vacuum cleaner għandu jkun iddeterminat skont l-Anness VI.

Tabella 3

**Emissjoni mill-ġdid tat-trab**

Klassi tal-emissjoni mill-ġdid tat-trab	Emissjoni mill-ġdid tat-trab ( <i>dre</i> )
A	$dre \leq 0,02 \%$
B	$0,02 \% < dre \leq 0,08 \%$
C	$0,08 \% < dre \leq 0,20 \%$
D	$0,20 \% < dre \leq 0,35 \%$
E	$0,35 \% < dre \leq 0,60 \%$
F	$0,60 \% < dre \leq 1,00 \%$
G	$dre > 1,00 \%$


## ANNEX II

## It-tikketta

## 1. IT-TIKKETTA NUMRU 1

## 1.1. Vacuum cleaners bi skopijiet ġenerali

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fit-tikketta:



I. L-isem tal-fornitur jew il-marka kummerċjali;

II. L-identifikatur tal-fornitur tal-mudell, fejn l-"identifikatur tal-mudell" tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' vacuum cleaner minn mudelli oħra bl-istess marka kummerċjali jew isem tal-fornitur;

III. Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika kif stipulata fl-Anness I; it-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-vacuum cleaner għandu jitpoġġa fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;

IV. Il-medja tal-konsum annwali tal-enerġija, kif iddefinit fl-Anness VI;

V. Il-klassi tal-emissjoni mill-ġdid tat-trab, iddeterminata skont l-Anness I;

VI. Il-klassi tal-prestazzjoni tat-tindif ta' tapit, iddeterminata skont l-Anness I;




VII. Il-klassi tal-prestazzjoni tat-tindif ta' art iebes, iddeterminata skont l-Anness I;

VIII. Il-livell tal-qawwa tal-ħoss, kif iddefinit fl-Anness VI.

Id-disinn tat-tikketti għandu jkun skont il-punt 4.1 ta' dan l-Anness. Permezz ta' deroga, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-UE" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, tista' tiżdied ukoll kopja tal-ekotikketta tal-UE.

## 1.2. Vacuum cleaners għal art iebes



L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fit-tikketta:


- I. L-isem tal-fornitur jew il-marka kummerċjali;
- II. L-identifikatur tal-fornitur tal-mudell, fejn l-"identifikatur tal-mudell" tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' vacuum cleaner minn mudelli oħra bl-istess marka kummerċjali jew isem tal-fornitur;
- III. Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika kif stipulata fl-Anness I; it-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-vacuum cleaner għandu jitpoġġa fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika relevanti;

<sup>(1)</sup> ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

- IV. Il-medja tal-konsum annwali tal-enerġija, kif iddefinit fl-Anness VI;
- V. Il-klassi tal-emissjoni mill-ġdid tat-trab, iddeterminata skont l-Anness I;
- VI. Is-sinjali tal-esklużjoni;
- VII. Il-klassi tal-prestazzjoni tat-tindif ta' art iebes, iddeterminata skont l-Anness I;
- VIII. Il-livell tal-qawwa tal-ħoss, kif iddefinit fl-Anness VI.

Id-disinn tat-tikketti għandu jkun skont il-punt 4.2 ta' dan l-Anness. Permezz ta' deroga, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-UE" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tista' tiżdied ukoll kopja tal-ekotikketta tal-UE.

### 1.3. Vacuum cleaners tat-twapet



L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fit-tikketta:


- I. Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali;
- II. L-identifikatur tal-fornitur tal-mudell, fejn l-"identifikatur tal-mudell" tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' vacuum cleaner minn mudelli oħra bl-istess marka kummerċjali jew isem tal-fornitur;

- III. Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika kif stipulata fl-Anness I; it-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-vacuum cleaner għandu jitpoġġa fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;
- IV. Il-medja tal-konsum annwali tal-enerġija, kif iddefinit fl-Anness VI;
- V. Il-klassi tal-emissjoni mill-ġdid tat-trab, iddeterminata skont l-Anness I;
- VI. Il-klassi tal-prestazzjoni tat-tindif tat-twapet, iddeterminata skont l-Anness I;
- VII. Is-sinjali tal-esklużjoni;
- VIII. Il-livell tal-qawwa tal-ħoss, kif iddefinit fl-Anness VI.

Id-disinn tat-tikketti għandu jkun skont il-punt 4.3 ta' dan l-Anness. Permezz ta' deroga, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-UE" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tista' tiżdied ukoll kopja tal-ekotikketta tal-UE.

2. IT-TIKKETTA NUMRU 2


2.1. Vacuum cleaners bi skopijiet ġenerali



L-informazzjoni mniżżla fil-punt 1.1 għandha tiġi inkluża f'din it-tikketta.

Id-disinn tat-tikketti għandu jkun skont il-punt 4.1 ta' dan l-Anness. Permezz ta' deroga, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-UE" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tista' tizzied ukoll kopja tal-ekotikketta tal-UE.


## 2.2. Vacuum cleaners għal art iebsa



L-informazzjoni li mniżżla fil-punt 1.2 għandha tiġi inkluża f'din it-tikketta:

Id-disinn tat-tikketti għandu jkun skont il-punt 4.2 ta' dan l-Anness. Permezz ta' deroga, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-UE" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tista' tizzied ukoll kopja tal-ekotikketta tal-UE.

## 2.3. Vacuum cleaners għat-twapet




L-informazzjoni mniżżla fil-punt 1.3 għandha tiġi inkluża fit-tikketta.

Id-disinn tal-ekotikketta għandu jkun skont il-punt 4.3 ta' dan l-Anness. Permezz ta' deroga, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-UE" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tista' tiżdied ukoll kopja tal-ekotikketta

## 3. DISINN TAT-TIKKETTA

3.1. Id-disinn tat-tikketti għal vacuum cleaners bi skopijiet ġenerali għandhom ikunu dawn li ġejjin:



Fejn:

- (a) It-tikketta trid tkun tal-inqas wiesgħa 75 mm u għolja 150 mm. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format ikbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqa' proporzjonat ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet.
- (b) L-isfond għandu jkun abjad.
- (c) Il-kuluri għandhom il-kodiċi CMYK – cyan (blu jagħti fl-aħdar), maġenta, isfar u iswed – bħal f'dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed.
- (d) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għad-disinn t'hawn fuq):
- ❶ **Il-linja tal-bordura tat-tikketta tal-UE:** 3,5 pt – kulur: Cyan 100 % – truf fit-tond: 2,5 mm.
  - ❷ **Il-logo tal-UE:** Kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.

- ③ **Il-logo tal-enerġija:** Kulur: X-00-00-00. Il-pittogramma kif tidher: Il-logo tal-UE + it-tikketta tal-enerġija:  
wisa': 62 mm, għoli: 12 mm.
- ④ **Il-linja tal-bordura tal-lowgos iż-żgħar:** 1 pt – kulur: cyan 100 % – tul: 62 mm.
- ⑤ **Skali A-G u A+++D:**
- **Il-vleġġa:** għoli: 6 millimetri, spazju bejn vleġġa u oħra: 1 mm - kuluri:  
  
L-aħjar klassi: X-00-X-00  
  
It-tieni klassi: 70-00-X-00,  
  
It-tielet klassi: 30-00-X-00,  
  
Ir-raba' klassi: 00-00-X-00,  
  
Il-ħames klassi: 00-30-X-00,  
  
Is-sitt klassi: 00-70-X-00,  
  
L-aħħar klassi: 00-X-X-00,
  - **Il-kliem:** Calibri bold 13 pt, b'ittri kapitali bojod.
- ⑥ **Klassi tal-effiċjenza enerġetika**
- **Il-vleġġa:** wisa': 17 mm, għoli: 9 mm, 100 % sewda;
  - **Il-kliem:** Calibri tipa grassa 18,5 pt, kapitali, abjad; simboli '+': Calibri bold 11 pt, bojod allinjati fuq ringiela waħda.
- ⑦ **Enerġija**
- **il-kliem:** Calibri regular 6 pt, b'ittri kapitali suwed.
- ⑧ **Konsum annwali tal-enerġija kWh/sena:**
- **Il-valur "YZ":** Calibri tipa grassa 20 pt, 100 % iswed;
  - **"kWh/sena":** Calibri tipa grassa 12 pt, 100 % iswed.
- ⑨ **Prestazzjoni tat-tindif fuq it-tapit:**
- **Bordura:** 1,5 pt – kulur: cyan 100 % – kantunieri fit-tond: 2,5 mm;
  - **L-ittri:** Calibri regular 13,5 pt, 100 % iswed. u Calibri bold 18 pt, 100 % iswed;
- ⑩ **Prestazzjoni tat-tindif fuq art iebsa:**
- **Bordura:** 1,5 pt – kulur: cyan 100 % – kantunieri fit-tond: 2,5 mm;
  - **L-ittri:** Calibri regular 13,5 pt, 100 % iswed. u Calibri bold 18 pt, 100 % iswed;
- ⑪ **Emissjoni mill-ġdid tat-trab**
- **Bordura:** 1,5 pt – kulur: cyan 100 % – kantunieri fit-tond: 2,5 mm;
  - **L-ittri:** Calibri regular 13,5 pt, 100 % iswed. u Calibri bold 18 pt, 100 % iswed;
- ⑫ **Livell tal-qawwa tal-ħoss:**
- **Bordura:** 1,5 pt – kulur: cyan 100 % – kantunieri fit-tond: 2,5 mm;
  - **Valur:** Calibri tipa grassa 16 pt, 100 % iswed;

— "dB": Calibri regular 11 pt, 100 % iswed.

13 L-isem tal-fornitur jew il-marka kummerċjali


14 L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur

15 Isem il-fornitur jew tal-marka kummerċjali u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqogħdu fi spazju ta' 62 × 10 mm

16 Innumerar tar-Regolament u tat-tikketta:

— Il-kliem: Calibri tipa grassa 8 pt.

3.2. Id-disinn tat-tikketti għal vacuum cleaners għal art iebsa għandu jkunu dan li ġej:



Fejn:


Id-deskrizzjoni tad-disinn tat-tikketta għandu jkun skont il-punt 4.1 ta' dan l-Anness ħlief għall-punt Numru 9 fejn għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:



9 Prestazzjoni tat-tindif fuq it-tapit:

— **Is-sinjali ta-esklużjoni:** il-bordura 3 pt – kulur: 00-X-X-00 (100 % ħamra) – dijametru 16 mm.

3.3. Id-disinn tat-tikketti għal vacuum cleaners għat-twapet għandu jkun dan li ġej:



Fejn:

Id-deskrizzjoni tad-disinn tat-tikketta għandu jkun skont il-punt 4.1 ta' dan l-Anness ħliet għall-punt Numru 10 fejn għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

10 Prestazzjoni tat-tindif fuq art iebsa:

— **Is-sinjali ta-esklużjoni:** il-bordura 3 pt – kulur: 00-X-X-00 (100 % ħamra) – dijametru 16 mm.

## ANNEX III

**L-iskeda**

1. It-tagħrif mogħti fl-iskeda tat-tagħrif tal-prodott tal-vacuum cleaner għandu jingħata fl-ordni li ġejja u għandu jiddaħħal fil-fuljett tal-prodott jew f'materjal ieħor għall-qari mogħti mal-prodott:
  - (a) isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali;
  - (b) l-identifikatur tal-fornitur tal-mudell t'fisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell ta' vacuum cleaner speċifiku minn mudelli oħra li jkollhom l-istess marka kummerċjali jew l-istess isem ta' fornitur;
  - (c) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika, iddeterminata skont l-Anness I;
  - (d) il-konsum annwali tal-enerġija f'kWh/sena, aġġustat sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali, kif iddefinit fl-Anness VI; għandu jiġi deskritt kif ġej: "il-konsum annwali tal-enerġija (kWh/sena), ibbażat fuq 50 biċċa xogħol ta' tindif. Il-konsum reali tal-enerġija jiddependi fuq kif jintuża l-apparat.";
  - (e) għal vacuum cleaners bi skopijiet ġenerali u vacuum cleaners għat-twapet, il-klassi tal-kapaċità tat-tindif tat-tapit iddeterminata skont l-Anness I. Għal vacuum cleaners għal art iebsa, id-dikjarazzjoni "mhux adattat għall-użu fuq it-twapet biż-żennuna pprovduta";
  - (f) għal vacuum cleaners bi skopijiet ġenerali u għal vacuum cleaners għal art iebsa, il-klassi tal-kapaċità tat-tindif tal-art iebsa ddeterminata skont l-Anness I. Għal vacuum cleaners tat-twapet, id-dikjarazzjoni "mhux adattat għall-użu fuq art iebsa biż-żennuna pprovduta";
  - (g) il-klassi tal-emissjoni mill-ġdid tat-trab, iddeterminata skont l-Anness I;
  - (h) il-livell tal-qawwa tal-ħoss, kif iddefinit fl-Anness VI;
  - (i) il-potenza input nominali, kif iddefinita fl-Anness VI;
  - (j) fejn il-vacuum cleaner ikun ingħata l-'Ekotikketta tal-UE' skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, din l-informazzjoni tista' tiġi inkluża;
2. Skeda ta' prodott waħda tista' tkopri għadd ta' mudelli ta' vacuum cleaners fornuti mill-istess fornitur.
3. L-informazzjoni mogħtija fl-iskeda tista' tingħata fil-forma ta' kopja tat-tikketta, bil-kulur jew bl-abjad u iswed. Meta dan ikun il-każ, għandha tiġi pprovduta wkoll l-informazzjoni msemmija fil-punt 1 li ma tkunx diġà tidher fuq it-tikketta.

## ANNEX IV

**Dokumentazzjoni teknika**

1. Id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3 għandha tinkludi:
    - (a) isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu;
    - (b) deskrizzjoni ġenerali tat-tip ta' vacuum cleaner it-tip u/jew il-mudell u/jew il-kodiċi kummerċjali, suffiċjenti biex tkun identifikata faċilment u bla ebda dubju;
    - (c) fejn ikun xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati applikati;
    - (d) fejn ikun xieraq, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;
    - (e) identifikazzjoni u firma tal-persuna mogħtija s-setgħa li torbot lill-fornitur;
    - (f) parametri tekniċi mkejgħa u kkalkulati skont l-Anness VI:
      - (i) il-konsum speċifiku tal-enerġija matul it-test tat-tapit, fejn applikabbli;
      - (ii) il-konsum speċifiku tal-enerġija matul it-test fuq art iebes, fejn applikabbli;
      - (iii) it-trab miġbur minn fuq it-tapit u minn fuq l-art iebes kif applikabbli;
      - (iv) l-emissjoni mill-ġdid tat-trab;
      - (v) il-livell tal-qawwa tal-ħoss;
      - (vi) il-qawwa ta' input nominali;
      - (vii) valuri speċifiċi kif indikati fil-punti 3 u 4 tal-Anness VI kif applikabbli.
    - (g) ir-riżultati tal-kalkoli mwettqa skont l-Anness VI.
  2. Fejn l-informazzjoni inkluża fil-fajl tad-dokumentazzjoni teknika għal mudell ta' vacuum cleaner partikolari tkun inkisbet permezz ta' kalkolu abbażi ta' ta' vacuum cleaner ekwivalenti, id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi d-dettalji ta' dawn il-kalkoli u tat-testijiet imwettqa mill-fornituri biex jivverifikaw il-preċiżjoni tal-kalkoli mwettqa. L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll lista tal-mudelli l-oħra kollha ta' vacuum cleaners ekwivalenti fejn l-informazzjoni tkun inkisbet fuq l-istess bażi.
  3. L-informazzjoni li tinsab f'din id-dokumentazzjoni teknika tista' tingħaqad mad-dokumentazzjoni teknika pprovduta skont il-miżuri fil-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/125/KE.
-

## ANNEX V

**It-tagħrif li għandu jingħata f'każijiet fejn l-utent finali ma jkunx mistenni jara l-prodott għall-wiri**

1. It-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 4(b) għandu jingħata fl-ordni li ġejja:
    - (a) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika, iddeterminata skont l-Anness I;
    - (b) il-konsum tal-enerġija annwali, kif iddefinit fl-Anness VI;
    - (c) għal vacuum cleaners bi skopijiet ġenerali u vacuum cleaners għat-twapet, il-klassi tal-kapaċità tat-tindif tat-tapit iddeterminata skont l-Anness I. Għal vacuum cleaners għal art iebša, id-dikjarazzjoni "mhux adattat għall-użu fuq it-twapet";
    - (d) għal vacuum cleaners bi skopijiet ġenerali u għal vacuum cleaners għal art iebša, il-klassi tal-kapaċità tat-tindif tal-art iebša iddeterminata skont l-Anness I. Għal vacuum cleaners tat-twapet, id-dikjarazzjoni "mhux adattat għall-użu fuq art iebša";
    - (e) il-klassi tal-emissjoni mill-ġdid tat-trab, iddeterminata skont l-Anness I;
    - (f) il-livell tal-qawwa tal-ħoss, kif iddefinit fl-Anness VI;
  2. Fejn tingħata wkoll informazzjoni oħra li tinsab fl-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott, din għandha tkun fil-forma u fl-ordni speċifikati fl-Anness III.
  3. Id-daqs u t-tipa li bihom jiġi stampat jew muri t-tagħrif kollu msemmi f'dan l-Anness għandhom ikunu jistgħu jinqaw.
-

## ANNEX VI

**Il-metodi tal-kejl u l-kalkolu**

1. Għall-fini tal-konformità mar-rekwiżiti u tal-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kejl u l-kalkoli għandhom jitwettqu permezz ta' proċedura ta' kejl affidabbli, preċiża u riproduċibbli, li tqis il-metodi ta' kejl u kalkolu l-aktar reċenti u avvanzati ġeneralment rikonoxxibbli, inkluż il-metodi armonizzati stipulati f'dokumenti li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dawn għandhom jissodisfaw id-definizzjonijiet tekniċi, il-kundizzjonijiet, l-ekwazzjonijiet u l-parametri stabbilit b'dan l-Anness.

**2. Definizzjonijiet tekniċi**

- (a) "test tal-art iebsa" tfisser test ta' żewġ ċikli tat-tindif fejn it-tarf li jnaddaf tal-vacuum cleaner li jkun qed jopera fuq il-għbid massimu jgħaddi minn fuq folja tal-injam bħala żona tat-test bl-istess wiśa' daqs it-tarf li jnaddaf u b'tul xieraq, li huwa test ta' fil dijagonali (45°), fejn jiġu mkejla u rreġistrati kontinwament b'rata xierqa tal-kampjun, iż-żmien li jgħaddi, il-konsum tal-elettriku u l-pożizzjoni relattiva taċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf maż-żona tat-test u fejn x'ħin jispiċċa kull ċiklu ta' tindif jiġi vvalutat b'mod xieraq in-nuqqas fil-massa tal-fil tat-test;
- (b) "fil tat-test" tfisser inserzjoni f'forma ta' U, u li tista' tinqala', ta' dimensjonijiet adattati li jimtlew bi trab artifiċjali fil-bidu ta' ċiklu ta' tindif;
- (c) "test tat-twapet" tfisser test b'ammont xieraq ta' ċikli ta' tindif fuq pjattaforma tat-test b'tapit Wilton fejn it-tarf li jnaddaf tal-vacuum cleaner li jkun qed jopera fuq il-għbid massimu jgħaddi minn fuq l-erja tat-test li tkun tal-istess wiśa' daqs it-tarf li jnaddaf u b'tul xieraq, maħmuġ bi trab imdeffes apposta għat-test u mqassam indaq u f'ammont medju, fejn jiġu mkejla u rreġistrati kontinwament b'rata xierqa tal-kampjun, iż-żmien li jgħaddi, il-konsum tal-elettriku u l-pożizzjoni relattiva taċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf maż-żona tat-test u fejn x'ħin jispiċċa kull ċiklu ta' tindif jiġi vvalutat b'mod xieraq iż-żieda fil-massa tal-kontenitur tat-trab tal-apparat;
- (d) "il-wiśa' tat-tarf li jnaddaf" f'm, bi preċizzjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, tfisser il-wiśa'massimu estern tat-tarf li jnaddaf;
- (e) "ċiklu tat-tindif" tfisser sekwenza ta' ħames(5) daqqiet doppji bil-vacuum cleaner fuq erja speċifika ta' art għat-test ("tapit" jew "art iebsa");
- (f) "daqqa doppja" tfisser moviment parallel wieħed 1 quddiem u wieħed b'lura bit-tarf li jnaddaf, imwettaq b'veloċità uniformi tad-daqqa tat-test u b'tul speċifikat għad-daqqa tat-test;
- (g) "veloċità tad-daqqa tat-test" f'm/h tfisser il-veloċità adegwata għall-ittestjar tat-tarf li jnaddaf, preferibbilment magħmula minn operatur elettromeċkaniku. Prodotti bi truf li jnaddafu li jduru weħidhom għandhom jippruvaw jaslu qrib kemm jista' jkun tal-veloċità xierqa, iżda hija permessa devjazzjoni meta jkun iddikjarat hekk b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tekniċa;
- (h) "tul tad-daqqa tat-test" f'm tfisser it-tul tal-erja tat-test flimkien mad-distanza koperta miċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf meta mmexxi fuq iż-żoni ta' aċċelerazzjoni xierqa qabel u wara l-erja tat-test;
- (i) "it-trab miġbur" (dpu), bi preċizzjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, tfisser il-proporzjon tal-massa artifiċjali mingħajr trab, iddeterminat għal tapit permezz taż-żieda fil-massa tal-kontenitur tat-trab tal-apparat, u għal art iebsa permezz tat-tnaqqis fil-massa tat-test tal-fil, wara għadd ta' daqqiet doppji bit-tarf li jnaddaf fuq il-massa ta' trab artifiċjali inizjalment applikata fuq l-erja tat-test, għal korrezzjoni tat-tapit għall-kundizzjonijiet speċifiċi tat-test u għall-korrezzjoni tal-art iebsa għat-tul u l-pożizzjonar tat-test tal-fil;
- (j) "sistema ta' vacuum cleaner ta' referenza" tfisser taġmir tal-laboratorju li jaħdem bl-elettriku użat biex jitkejjel it-trab miġbur ta' referenza u kalibrat minn fuq it-twapet b'parametri relatati tal-arja biex tittejjeb ir-riproduċibilità tar-risultati tat-test;
- (k) "il-qawwa ta' input nominali" f'W tfisser il-potenza elettrika input iddikjarata mill-manifattur, fejn għal apparat li jista' jintuża wkoll għal għanijiet oħra għajr daww ta' tindif bil-vakum, tapplika biss il-potenza elettrika input rilevanti għat-tindif bil-vakum;

- (l) "emissjoni mill-ġdid tat-trab" tfisser il-proporzjon, espress bħala persentaġġ bi preċiżjoni sa żewġ (2) ċifri wara l-punt deċimali, tal-ġhadd ta' partikuli kollha ta' trab ta' daqs minn 0,3 sa 10 µm li joħorġu minn vacuum cleaner mal-ġhadd ta' partikuli kollha ta' trab tal-istess firxa ta' daqs li jidħlu fid-daħla minn fejn tinġibed l-arja, meta pprovduta b'ammont speċifiku ta' trab ta' dik il-firxa ta' daqs ta' partikuli. Il-valur ma jinkludix biss it-trab imkejjel fl-iżbokk tal-vacuum cleaner iżda wkoll it-trab imtajjar xi mkien ieħor jew minn tnixxijiet, jew iġġenerat mill-vacuum cleaner stess;
- (m) "il-livell tal-qawwa tal-ħoss" tfisser l-emissjonijiet ta' storbuju akustiku fl-arja, espress f'dB(A) re 1 pW u aġġustat għall-eqreb numru sħiħ.

### 3. Konsum annwali tal-enerġija

Il-konsum annwali tal-enerġija  $AE$  jiġi kkalkulat, f'kWh/sena u aġġustat sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali, kif ġej:

għal vacuum cleaners tat-twapet:

$$AE_c = 4 \times 87 \times 50 \times 0,001 \times ASE_c \times \left( \frac{1 - 0,20}{dpu_c - 0,20} \right)$$

għal vacuum cleaners għal art iebša:

$$AE_{hf} = 4 \times 87 \times 50 \times 0,001 \times ASE_{hf} \times \left( \frac{1 - 0,20}{dpu_{hf} - 0,20} \right)$$

għal vacuum cleaners bi skopijiet ġenerali:

$$AE_{gp} = 0,5 \times AE_c + 0,5 \times AE_{hf}$$

Fejn:

- $ASE_c$  hija l-medja tal-konsum tal-enerġija speċifika f'Wh/m<sup>2</sup> matul it-test tat-tapit, ikkalkulat kif previst hawn taħt;
- $ASE_{hf}$  hija l-medja tal-konsum tal-enerġija speċifika f'Wh/m<sup>2</sup> matul it-test tal-art iebša, ikkalkulat kif previst hawn taħt;
- $dpu_c$  huwa t-trab miġbur minn fuq it-tapit, iddeterminat skont il-punt 4 ta' dan l-Anness;
- $dpu_{hf}$  huwa t-trab miġbur minn fuq art iebša, iddeterminat skont il-punt 4 ta' dan l-Anness;
- l-ġhadd standard ta' kompiti ta' tindif fis-sena huwa 50;
- il-wiċċ li jtnaddaf f'abitazzjoni standard f'm<sup>2</sup> huwa 87
- l-ġhadd standard ta' drabi li vacuum cleaner jgħaddi minn fuq kull punt fl-art huwa 4 (żewġ daqqiet doppji);
- il-fattur ta' konverżjoni minn Wh għal kWh huwa 0,001;
- l-istandard tat-trab miġbur huwa 1;
- id-differenza standard bejn it-trab miġbur wara ħames u wara żewġ daqqiet doppji hija 0,20.

*Il-medja tal-konsum tal-enerġija speċifika (ASE)*

Il-medja tal-konsum tal-enerġija speċifika matul it-test tat-tapit ( $ASE_c$ ) u matul it-test tal-art iebša ( $ASE_{hf}$ ) għandha tiġi ddeterminata bħala medja tal-konsum speċifiku tal-enerġija ( $SE$ ) tal-ġhadd ta' ċikli ta' tindif li jikkostitwixxu t-test tat-tapit u tal-art iebša rispettivament. L-ekwazzjoni ġenerali għall-konsum speċifiku ta' enerġija  $SE$  fl-erja tat-test f'Wh/m<sup>2</sup>, bi preċiżjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, applikabbli għal vacuum cleaners tat-twapet, tal-art iebša u għal dawk bi skopijiet ġenerali bis-suffissi xierqa, huwa:

$$SE = \frac{(P + NP) \times t}{A}$$

Fejn:

- $P$  huwa l-medja tal-qawwa  $fW$ , bi preċiżjoni sat-tieni (2) ċifra wara l-punt deċimali, matul iż-żmien f'ċiklu ta' tindif li ċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf ikun miexi fuq l-erja tat-test;
- $NP$  huwa l-qawwa medja ekwivalenti  $fW$ , bi preċiżjoni sat-tieni (2) ċifra wara l-punt deċimali, ta' żennuni attivi li jaħdmu bil-batteriji, jekk hemm, tal-vacuum cleaner, ikkalkulat kif jidher hawn taħt;
- $t$  huwa l-ħin totali f'sigħat, bi preċiżjoni sar-raba' (4) ċifra wara l-punt deċimali, f'ċiklu ta' tindif waqt li ċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf, jiġifieri punt fin-nofs bejn il-ġenb, quddiem u wara tat-tarf li jnaddaf, ikun miexi fuq l-erja tat-test;
- $A$  huwa l-erja tal-wiċċ  $f\text{m}^2$ , bi preċiżjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, mgħoddija mit-tarf li jnaddaf f'ċiklu ta' tindif, ikkalkulata bħala 10 darbiet il-prodott tal-wisa' tat-tarf li jnaddaf u t-tul xieraq tal-erja tat-test. Jekk vacuum cleaner domestika għandu tarf li jnaddaf usa' minn 0,320 m, allura ċ-ċifra ta' 0,320 m għandha tkun sostitwita għal wisa' tat-tarf li jnaddaf f'din il-kalkolazzjoni.

Għal testijiet tal-art iebes s-suffiss  $hf$  u l-ismijiet tal-parametri  $SE_{hf}$ ,  $P_{hf}$ ,  $NP_{hf}$ ,  $t_{hf}$  u  $A_{hf}$  għandhom jintużaw fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq. Għal testijiet tat-twapet is-suffiss  $c$  u l-ismijiet tal-parametri  $SE_c$ ,  $P_c$ ,  $NP_c$ ,  $t_c$  u  $A_c$  għandhom jintużaw fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq. Għal kull wieħed miċ-ċikli ta' tindif, il-valuri  $SE_{hf}$ ,  $P_{hf}$ ,  $NP_{hf}$ ,  $t_{hf}$ ,  $A_{hf}$  u/jew  $SE_c$ ,  $P_c$ ,  $NP_c$ ,  $t_c$ ,  $A_c$  kif applikabbli, għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika.

*L-ekwivalenti tal-qawwa f'żennuni attivi li jaħdmu bil-batteriji (NP)*

L-ekwazzjoni ġenerali għall-medja tal-ekwivalenti tal-qawwa f'żennuni attivi li jaħdmu bil-batteriji  $NP$   $fW$ , applikabbli għal vacuum cleaners tat-twapet, tal-art iebes u għal dawb bi skopijiet ġenerali bis-suffissi xierqa, huwa:

$$NP = \frac{E}{tbat}$$

Fejn:

- $E$  huwa l-konsum tal-elettriku meħtieġ,  $fWh$  bi preċiżjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, biex żennuna attiva, tal-vacuum cleaner, li taħdem bil-batterija terġa' tiċċarġja l-batterija kompletament sal-istat oriġinali tagħha wara ċiklu ta' tindif;
- $tbat$  huwa l-ħin totali f'sigħat, bi preċiżjoni sar-raba' (4) ċifra wara l-punt deċimali, f'ċiklu ta' tindif li fiha iż-żennuna attiva, tal-vacuum cleaner, li taħdem bil-batterija tiġi attivata, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

Fil-każ li l-vacuum cleaner ma jkunx mgħammar b'żennuna attiva li taħdmu bil-batterija il-valur ta'  $NP$  ikun żero.

Għal testijiet tal-art iebes s-suffiss  $hf$  u l-ismijiet tal-parametri  $NP_{hf}$ ,  $E_{hf}$ ,  $tbat_{hf}$  għandhom jintużaw fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq. Għal testijiet tat-twapet is-suffiss  $c$  u l-ismijiet tal-parametri  $NP_c$ ,  $E_c$ ,  $tbat_c$  għandhom jintużaw fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq. Għal kull wieħed miċ-ċikli ta' tindif, il-valuri ta'  $E_{hf}$ ,  $tbat_{hf}$  u/jew  $E_c$ ,  $tbat_c$  kif applikabbli, għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika.

#### 4. It-trab miġbur

It-trab miġbur minn fuq art iebes ( $dpu_{hf}$ ) għandu jkun iddeterminat bħala l-medja tar-riżultati taż-żewġ ċikli tat-tindif f'test tal-art iebes.

It-trab miġbur minn fuq tapit ( $dpu_c$ ) għandu jkun iddeterminat bħala l-medja tar-riżultati taċ-ċikli tat-tindif f'test tat-twapet. Għall-korrezzjoni tad-devjazzjonijiet mill-proprietajiet oriġinali tat-test tat-twapet, it-trab miġbur minn fuq it-tapit ( $dpu_c$ ) għandu jkun ikkalkolat kif ġej:

$$dpu_c = dpu_m \times \left( \frac{dpu_{cal}}{dpu_{ref}} \right)$$

Fejn:

- $dpu_m$  huwa t-trab miġbur mill-vacuum cleaner imkejjel;
- $dpu_{cal}$  huwa t-trab miġbur tas-sistema ta' vacuum cleaner ta' referenza mkejjel meta t-test tat-twapet kien f'kundizzjoni oriġinali;

—  $dp_{u_{ref}}$  huwa t-trab miġbur mis-sistema ta' vacuum cleaner ta' referenza u mkejjel;

Il-valuri ta'  $dp_{u_m}$ , għal kull wieħed miċ-ċikli ta' tindif,  $dp_{u_e}$ ,  $dp_{u_{cal}}$  u  $dp_{u_{ref}}$  għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika.

#### 5. Emissjoni mill-ġdid tat-trab

L-emissjoni mill-ġdid tat-trab għandha titkejjel meta l-vacuum cleaner ikun qed jaħdem fuq l-oġġla influż ta' arja.

#### 6. Il-livell tal-qawwa tal-ħoss

Il-livell tal-qawwa tal-ħoss għandu jkun iddeterminat fuq it-tapit.

#### 7. Vacuum cleaners ibridi

Għal vacuum cleaners ibridi l-kejl kollu għandu jiġi esegwit mal-vacuum cleaner li jaħdem permezz tal-mejn tal-elettriku u ma' kwalunkwe żennuna attiva li taħdem bil-batterija biss.



## ANNEX VII

**Proċedura ta' verifika għall-finijiet ta' sorveljanza tas-suq**

Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura ta' verifika li ġejja:

1. L-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jittestjaw unità waħda biss għal kull mudell.
2. Il-mudell tal-vacuum cleaner għandu jitqies li jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli jekk il-valuri u l-klassijiet li jidhru fuq it-tikketta u fl-iskeda tal-prodott jikkonformaw mal-valuri fid-dokumentazzjoni teknika u jekk l-ittestjar tal-parametri rilevanti tal-mudell elenkat fit-Tabella 4 juri konformità għal dawk il-parametri kollha.
3. F'każ li ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt 2, l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jittestjaw tliet unitajiet addizzjonali tal-istess mudell magħżula b'mod każwali Bħala alternattiva, it-tliet unitajiet addizzjonali magħżula jistgħu jkunu ta' mudell wieħed jew aktar li jkunu ġew elenkati bħala vacuum cleaner ekwivalenti fid-dokumentazzjoni teknika tal-manifattur.
4. Il-mudell tal-vacuum cleaner għandu jitqies li jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli jekk l-ittestjar tal-parametri tal-mudell rilevanti elenkat fit-Tabella 4 juri konformità għal dawk il-parametri kollha.
5. Jekk ma jinkisibx ir-riżultati msemija fil-punt 4, il-mudell u l-mudelli kollha ekwivalenti għandhom jitqiesu bħala mhux konformi ma' dan ir-Regolament.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu stipulati fl-Anness VI.

Il-tolleranzi tal-verifika definiti f'dan l-Anness jirreferu biss għall-verifika tal-parametri mkejla mill-awtoritajiet tal-Istat Membru u ma għandhomx jintużaw mill-fornitur bħala tolleranza permessa fuq il-valuri fid-dokumentazzjoni teknika. Il-valuri u l-klassijiet fuq it-tikketta jew fl-iskeda tal-prodott ma għandhomx jiffavorixxu lill-fornitur iktar mill-valuri rrapportati fid-dokumentazzjoni teknika.

Tabella 4

Parametru	Tolleranzi tal-verifika
Konsum annwali tal-enerġija	Il-valur stabbilit <sup>(1)</sup> mhuwiex aktar minn 10 % ogħla mill-valur iddikjarat.
It-trab miġbur minn fuq it-twapet	Il-valur stabbilit <sup>(1)</sup> mhuwiex aktar minn 0,03 anqas mill-valur iddikjarat.
It-trab miġbur minn fuq l-art iebsa	Il-valur stabbilit <sup>(1)</sup> mhuwiex aktar minn 0,03 anqas mill-valur iddikjarat.
Emissjoni mill-ġdid tat-trab	Il-valur stabbilit <sup>(1)</sup> mhuwiex aktar minn 15 % ogħla mill-valur iddikjarat.
Il-livell tal-qawwa tal-ħoss	Il-valur stabbilit <sup>(1)</sup> mhuwiex ogħla mill-valur iddikjarat.

<sup>(1)</sup> il-medja aritmetika tal-valuri stabbiliti fil-każ ta' tliet unitajiet addizzjonali ttestjati kif preskritt fil-punt 3.

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 666/2013

tat-8 ta' Lulju 2013

li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-vacuum cleaners

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Wara li kkonsultat il-Forum ta' Konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/125/KE,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2009/125/KE, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni għal prodotti relatati mal-enerġija li jirrappreżentaw ammonti sinifikanti ta' bejgħ u kummerċ, li għandhom impatt ambjentali sinifikanti u li jippreżentaw potenzjal sinifikanti għal titjib f'termini tal-impatt ambjentali tagħhom mingħajr ma jinvolvu spejjeż eċċessivi.
- (2) L-Artikolu 16(2), tad-Direttiva 2009/125/KE jistipula li skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(3) u l-kriterji stipulati fl-Artikolu 15(2), u wara konsultazzjoni mal-Forum ta' Konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, tintroduċi miżuri ta' implimentazzjoni għal apparat domestiku, inklużi vacuum cleaners.
- (3) Il-Kummissjoni wettqet studju ta' thejġija biex tanalizza l-aspetti tekniċi, ambjentali u ekonomiċi ta' vacuum cleaners li tipikament jintużaw fid-djar u f'bini kummerċjali. L-istudju tħejja flimkien mal-partijiet interessati tal-Unjoni u l-pajjiżi terzi, u r-riżultati tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
- (4) Vacuum cleaners li jnaddfu l-likwidi, dawk li jnaddfu l-likwidi u fix-xott, dawk robot, industrijali, dawk ċentrali u li jaħdmu bil-batterija u magni li jillustraw l-art u vacuum cleaners għal barra kollha għandhom karatteristiċi partikolari u għalhekk għandhom jiġu eżentati mill-kamp tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(5) L-aspetti ambjentali tal-prodotti koperti, identifikati bħala sinifikanti għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, huma l-konsum tal-enerġija waqt l-użu, it-trab miġbur, l-emissjoni mill-ġdid tat-trab, l-istorbju (il-livell tal-qawwa tal-ħoss) u d-durabilità. Ġie stmat li fl-Unjoni, il-konsum annwali tal-elettriku ta' prodotti suġġetti għal dan ir-Regolament kien ta' 18 TWh, fl-2005. Jekk ma jittiħdux miżuri speċifiċi dan mistenni jżied għal 34 TWh fl-2020. L-istudju ta' thejġija juri li l-konsum tal-enerġija mill-prodotti li huma suġġetti għal dan ir-Regolament jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti.

(6) L-istudju ta' thejġija juri li r-rekwiżiti dwar parametri oħra tal-ekodisinn li jissemmew fil-Parti 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2009/125/KE mhumiex neċessarji fil-każ ta' vacuum cleaners.

(7) Il-konsum tal-enerġija tal-vacuum cleaners għandu jsir aktar effiċjenti billi jiġu applikati teknoloġiji mhux proprijetarji eżistenti li huma kosteffiċjenti u li jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż totali tax-xiri u tat-tħaddim ta' dawk il-prodotti.

(8) Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn ma għandhomx jaffettwaw il-funzjonalità mill-perspettiva tal-utent aħħari u ma għandhomx jaffettwaw is-saħħa, is-sikurezza jew l-ambjent b'mod negattiv. B'mod partikolari, il-benefiċċji tat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija waqt il-fażi tal-użu għandhom jikkompensaw għal kwalunkwe impatt ambjentali addizzjonali matul il-fażi tal-produzzjoni tal-prodott u tar-rimi tiegħu.

(9) Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jiddaħħlu gradwalment sabiex il-manifatturi jingħataw żmien biżżejjed biex jiddisinjaw mill-ġdid il-prodotti li huma suġġetti għal dan ir-Regolament. Din l-introduzzjoni għandha ssir fi żmien fejn jistgħu jiġu evitati l-impatti negattivi fuq il-funzjonalitajiet tat-tagħmir li diġà qiegħed fis-suq, u billi jitqiesu l-impatti tal-ispejjeż għall-utenti aħħarin u għall-manifatturi, b'mod partikolari għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, filwaqt li jiġi żgurat li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament jintlaħqu fil-ħin.

(10) Ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament hija ppjanata li ssir fi żmien ħames (5) snin wara li jidħol fis-seħħ u f'relazzjoni ma' żewġ dispożizzjonijiet mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2016.

<sup>(1)</sup> ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

- (11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 327/2011 tat-30 ta' Marzu 2011 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Ekodisinn għal fannijiet b'muturi ta' potenza elettrika input bejn 125 W u 500 kW<sup>(1)</sup>, għandu jiġi emendat biex jeskludi fannijiet integrati f'vacuum cleaners mill-kamp tal-applikazzjoni tiegħu, sabiex iżommu rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn għall-istess prodotti milli jiġu inklużi f'żewġ regolamenti separati.
- (12) Il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott għandu jsir permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-iktar avvanzati rikonoxxuti inklużi, fejn huma disponibbli, standards armonizzati adottati mill-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni Ewropej, kif elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea<sup>(2)</sup>.
- (13) Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/125/KE, dan ir-Regolament għandu jispeċifika l-proċeduri applikabbli għall-valutazzjoni tal-konformità.
- (14) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli tal-konformità, il-manifatturi għandhom jipprovdu informazzjoni li tkun fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Annessi IV u V tad-Direttiva 2009/125/KE safejn din l-informazzjoni tkun relatata mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.
- (15) Minbarra r-rekwiżiti legalment vinkolanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandhom jiġu identifikati punti ta' riferiment indikattivi għall-aħjar teknoloġiji disponibbli biex jiżguraw id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà faċli għall-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti suġġetti għal dan ir-Regolament.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2009/125/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

##### Is-suġġett u l-kamp tal-applikazzjoni

- Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għat-tqegħid fis-suq ta' vacuum cleaners li jitqabdu mal-mejn tal-elettriku, inklużi vacuum cleaners ibridi.
- Dan ir-Regolament ma japplikax għal:
  - vacuum cleaners li jnaddfu l-likwidi, dawk li jnaddfu l-likwidi u fix-xott, dawk li jaħdmu bil-batterija, dawk robot, industrijali, jew ċentrali;

- magni li jillustraw l-art;
- vacuum cleaners għal barra.

#### Artikolu 2

##### Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/125/KE, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "vacuum cleaner" tfisser apparat li jneħħi l-ħmieġ minn fuq wiċċ li jeħtieġ' jitnaddaf permezz ta' fluss tal-arja maħluq minn pressjoni baxxa żviluppata fl-unità;
- "vacuum cleaner ibridu" tfisser vacuum cleaner li jista' jitħaddem kemm permezz tal-mejn tal-elettriku kif ukoll permezz ta' batteriji;
- "vacuum cleaner li jnaddaf il-likwidi" tfisser vacuum cleaner li jneħħi materjal niexef u/jew imxarrab (ħmieġ) minn fuq wiċċ bl-applikazzjoni ta' deterġent b'bażi tal-ilma jew ta' stim fuq il-wiċċ li jeħtieġ' jitnaddaf, u jneħhieh, flimkien mal-ħmieġ permezz ta' fluss ta' arja maħluq minn pressjoni baxxa żviluppata fl-unità, inklużi tipi magħrufin l-aktar bħala spray-extraction vacuum cleaners;
- "vacuum cleaner li jnaddaf il-likwidi u fix-xott" tfisser vacuum cleaner imfassal sabiex ineħħi volum ta' aktar minn 2,5 litri, ta' likwidi, flimkien mal-funzjonalità ta' vacuum cleaner li jnaddaf fix-xott;
- "vacuum cleaner li jnaddaf fix-xott" tfisser vacuum cleaner imfassal biex ineħħi ħmieġ li huwa prinċipalment xott (trab, fibra, ħjut), inklużi tipi mgħammra b'żennuna attiva li jaħdmu bil-batterija;
- "żennuna attiva li taħdem bil-batterija" tfisser parti fit-tarf li jnaddaf, fornuta b'taġħmir li jiċċaqlaq u li taħdem bil-batterija biex jgħin fit-tneħħija tal-ħmieġ;
- "vacuum cleaner li jaħdem bil-batterija" tfisser vacuum cleaner li jaħdem bil-batterija biss;
- "vacuum cleaner robot" tfisser vacuum cleaner li jaħdem bil-batterija li jkun kapaċi jaħdem mingħajr intervent mill-bniedem f'perimetru definit, li jikkonsisti f'parti mobbli u stazzjon fiss u/jew aċċessorji oħra biex jgħinu fit-tħaddim tiegħu;
- "vacuum cleaner industrijali" tfisser vacuum cleaner maħsub biex ikun parti minn proċess ta' produzzjoni, iddisinjat biex ineħħi materjal perikoluż, iddisinjat biex ineħħi mases ta' trabijiet mill-industriji tal-bini, funderiji, minjieri u tal-ikel, jew bħala parti minn magni jew għodod industrijali u/jew vacuum cleaner kummerċjali b'tarf wiesa' aktar minn 0,50 m;

<sup>(1)</sup> ĠU L 90, 6.4.2011, p. 8.

<sup>(2)</sup> ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

10. "vacuum cleaner kummerċjali" tfisser vacuum cleaner għal skopijiet ta' tindif professjonali u maħsub biex jintuża minn persuni sekulari, persunal tat-tindif jew naddafa li jaħdmu b'kuntratt, f'uffiċini, ħwienet, spartarji u ambjenti tal-lukandi, iddikjarati fid-Dikjarazzjoni tal-Konformità mill-manifattur bħala tali li jappartjenu għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>;
11. "vacuum cleaner ċentrali" tfisser vacuum cleaner bis-sors tal-pessjoni baxxa b'lokazzjoni fissa (ma tiċċaqlaqx) u bil-konnessjonijiet tal-pajp (il-hose) impoġġija f'pożizzjonijiet fissi fil-bini;
12. "magna li tillostra l-art" tfisser tagħmir elettriku li huwa mfassal biex jiproteġi, jillixxa u/jew jagħmel ċerti tipi ta' art tleqq, ġeneralment imħaddem flimkien ma' lostru li jkun jingħorok fuq l-art permezz tat-tagħmir u normalment mgħammar ukoll b'funzjonalità awżiljarja ta' vacuum cleaner;
13. "vacuum cleaner għal barra" tfisser apparat li huwa mfassal għall-użu barra sabiex jiġbor f'kontenitur apposta terrapien bħal biċċiet tal-ħaxix u weraq permezz ta' fluss ta' arja maħluq minn pressjoni baxxa żviluppata fl-unità u li jista' jinkludi apparat tat-tqattigħ u li jista' jintuża wkoll bħala blower;
14. "vacuum cleaner ta' daqs sħiħ li jaħdem bil-batterija" tfisser vacuum cleaner li jaħdem bil-batterija li meta jkun iċċarġjat għal kollox, jista' jnaddaf art b'erja ta' 15 m<sup>2</sup> bl-applikazzjoni ta' daqqiet doppji għal kull parti ta' art mingħajr iċċarġjar mill-ġdid;
15. "vacuum cleaner bl-ilma bħala filter" tfisser vacuum cleaner li jnaddaf fix-xott u li juża aktar minn 0,5 ta' litru ilma bħala l-mezz ewlieni tal-iffiltrar, fejn l-arja miġbuda hija sfurzata tgħaddi mill-ilma biex b'hekk il-materjal niexef jinqabad fl-ilma kif ikun għaddej;
16. "vacuum cleaner għad-djar" tfisser vacuum cleaner maħsuba għall-użu fid-djar jew għall-użu domestiku, iddikjarat mill-manifattur bħala tali fid-Dikjarazzjoni tal-Konformità li tikkonċerna d-Direttiva 2006/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>;
17. "vacuum cleaner bi skopijiet ġenerali" tfisser vacuum cleaner li jiġi b'żennuna fissa jew tal-anqas b'żennuna waħda li tinqala' maħsub għat-tindif kemm ta' twapet kif ukoll ta' art iebša, jew fornuta bit-tnejn li huma jiġifieri tal-anqas b'żennuna waħda li tinqala' mfassla speċifikament għat-tindif tat-twapet u tal-anqas żennuna waħda li tinqala' għat-tindif ta' art iebša;
18. "vacuum cleaner għal art iebša" tfisser vacuum cleaner fornuta b'żennuna fissa mfassla speċifikament għat-tindif ta' art iebša, jew fornuta biss b'żennuna waħda li tinqala' jew aktar, imfasslin speċifikament għat-tindif ta' art iebša;
19. "vacuum cleaner għat-twapet" tfisser vacuum cleaner fornuta b'żennuna fissa mfassla speċifikament għat-tindif tat-twapet, jew fornuta biss b'żennuna waħda jew aktar li tinqala'/jin-qalgħu mfasslin speċifikament għat-tindif tat-twapet;
20. "vacuum cleaner ekwivalenti" tfisser mudell ta' vacuum cleaner li jitqiegħed fis-suq u jkollu l-istess potenza input ta' enerġija, l-istess konsum annwali ta' enerġija, l-istess trab miġbur mit-twapet u minn fuq art iebša, l-istess emissjoni mill-ġdid tat-trab, l-istess livell fil-qawwa tal-ħoss, l-istess durabilità tal-pajp u l-istess ħajja tal-mutur operazzjonali bħal mudell ieħor ta' vacuum cleaner li jitqiegħed fis-suq mill-istess manifattur imma b'numru tal-kodiċi kummerċjali differenti.

### Artikolu 3

#### Rekwiżiti tal-ekodisinn

1. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal vacuum cleaners huma stipulati fl-Anness I. Dawn għandhom japplikaw skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

- (a) mill-1 ta' Settembru 2014: kif indikat fl-Anness I, il-punt 1(a) u l-punt 2;
- (b) mill-1 ta' Settembru 2017: kif indikat fl-Anness I, il-punt 1(b) u l-punt 2.

2. Il-konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għandha titkejjel u tiġi kkalkulata skont il-metodi stabbiliti fl-Anness II.

### Artikolu 4

#### Valutazzjoni tal-konformità

1. Il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/125/KE għandha tkun is-sistema tal-kontroll intern tad-disinn stipulata fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva jew is-sistema tal-ġestjoni stipulata fl-Anness V ta' dik id-Direttiva.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/125/KE, il-fajl tad-dokumentazzjoni teknika għandu jinkludi kopja tal-kalkoli stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

3. Fejn l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni teknika għal mudell partikolari ta' vacuum cleaner ġiet miksuba b'kalkolu abbażi ta' vacuum cleaner ekwivalenti, id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi dettalji ta' dawn il-kalkoli u tat-testijiet imwettqa mill-manifatturi għall-verifika tal-eżattezza tal-kalkoli mwettqa. F'dawn il-każijiet, id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi wkoll lista tal-mudelli l-oħra kollha ta' vacuum cleaners ekwivalenti fejn l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni teknika tagħhom tkun inkisbet bl-istess bażi ta' kalkolu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

<sup>(2)</sup> ĠU L 374, 27.12.2006, p. 10.

*Artikolu 5***Proċedura ta' verifika għall-finijiet ta' sorveljanza tas-suq**

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura ta' verifika deskritta fl-Anness III għal dan ir-Regolament meta jwettqu l-kontrolli ta' sorveljanza tas-suq imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/125/KE biex jiċċekkjaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6***Punti ta' riferiment indikattivi**

Il-punti ta' riferiment indikattivi għal vacuum cleaners bl-aħjar prestazzjoni disponibbli fis-suq meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ huma stipulati fl-Anness IV.

*Artikolu 7***Reviżjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku u għandha tippreżenta r-risultati ta' din ir-reviżjoni lill-Forum ta' Konsultazzjoni sa mhux aktar tard minn ħames snin wara li jkun daħal fis-seħħ. Ir-reviżjoni għandha b'mod partikolari tivvaluta t-tolleranzi tal-verifika stabbiliti fl-Anness III, jekk il-vacuum cleaners ta' daqs sħiħ li jaħdmu bil-batterija għandhomx ikunu inklużi fil-kamp tal-applikazzjoni u jekk hux possibbli li jiġu stipulati l-konsum

annwali tal-enerġija, ir-rekwiżiti dwar it-trab miġbur u l-emissjoni mill-ġdid tat-trab li huma bbażati fuq kejl b'kontenitur parzjalment mimli pjuttost milli b'kontenitur vojta.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi r-rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn dwar id-durabbiltà tal-pajp u l-ħajja operattiva tal-mutur u tippreżenta r-risultati ta' din ir-reviżjoni lill-Forum ta' Konsultazzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2016.

*Artikolu 8***Emenda tar-Regolament (UE) Nru 327/2011**

Ir-Regolament (UE) Nru 327/2011 huwa emendat kif ġej:

Dan li ġej għandu jiżdied fl-aħħar tal-Artikolu 1(3):

“(e) imfassal sabiex jopera b'effiċjenza enerġetika ottimali ta' 8 000 rotazzjoni fil-minuta jew aktar.”

Dan li ġej għandu jitħassar mill-Artikolu 3(4):

“(a) bl-akbar effiċjenza fl-użu tal-enerġija meta jkunu qed jaħdmu bi 8 000 dawra kull minuta jew aktar.”

*Artikolu 9***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

## ANNEX I

## Rekwiżiti tal-Ekodisinn

## 1. Rekwiżiti speċifiċi tal-Ekodisinn

Il-vacuum cleaners għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) mill-1 ta' Settembru 2014:

- il-konsum annwali tal-enerġija għandu jkun inqas minn 62,0 kWh/sena,
- il-potenza input nominali għandha tkun inqas minn 1 600 W,
- it-trab miġbur minn fuq tapit ( $dpu_c$ ) għandu jkun 0,70 jew ikbar. Dan il-limitu ma għandux japplika għall-vacuum cleaners li jnaddfu art iebša,
- it-trab miġbur minn fuq art iebša ( $dpu_{hf}$ ) għandu jkun 0,95 jew ikbar. Dan il-limitu ma għandux japplika għal vacuum cleaners tat-twapet.

Dawn il-limiti ma għandhomx japplikaw għal vacuum cleaners li jużaw l-ilma bħala filter.

(b) mill-1 ta' Settembru 2017:

- il-konsum annwali tal-enerġija għandu jkun inqas minn 43,0 kWh/sena,
- il-potenza input nominali għandha tkun inqas minn 900 W,
- it-trab miġbur minn fuq tapit ( $dpu_c$ ) għandu jkun 0,75 jew aktar. Dan il-limitu ma għandux japplika għall-vacuum cleaners li jnaddfu art iebša,
- it-trab miġbur minn fuq art iebša ( $dpu_{hf}$ ) għandu jkun 0,98 jew aktar. Dan il-limitu ma għandux japplika għal vacuum cleaners tat-twapet,
- l-emissjoni mill-ġdid tat-trab ma għandhiex tkun aktar minn 1,00 %,
- il-livell tal-qawwa tal-ħoss għandu jkun 80 dB(A) jew anqas,
- il-pajp, jekk ikun hemm, għandu jiflaħ għall-istrapazz tant li jibqa' tajjeb biex jintuża wara 40 000 oxxillazzjoni taħt pressjoni,
- il-ħajja operattiva tal-mutur għandha tkun 500 siegħa jew aktar.

Il-konsum annwali tal-enerġija, il-potenza ta' input nominali, id- $dpu_c$  (it-trab miġbur minn fuq tapit), id- $dpu_{hf}$  (it-trab miġbur minn fuq art iebša), l-emissjoni mill-ġdid tat-trab, il-livell tal-qawwa tal-ħoss, id-durabilità tal-pajp u l-ħajja operattiva tal-mutur huma mkejla u kkalkulati skont l-Anness II.

## 2. Informazzjoni li trid tingħata mill-manifatturi

(a) Id-dokumentazzjoni teknika, il-ktejjeb tal-istruzzjonijiet u s-siti elettroniċi b'aċċess ħieles tal-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, jew l-importaturi għandu jkollhom l-elementi li ġejjin:

- kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li għandha tiġi ppubblikata fir-rigward tal-vacuum cleaner taħt kwalunkwe atti ddelegati adottati skont id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>,
- titolu qasir jew referenza għall-kejl u l-metodi ta' kalkolu użati biex jstabbilixxu l-konformità mar-rekwiżiti ta' hawn fuq,
- għal vacuum cleaners li jnaddfu art iebša, għandu jissemma li mhumiex adattati għall-użu fuq it-twapet biż-żennuna fornuta,
- għal vacuum cleaners tat-twapet, għandu jissemma li mhumiex adattati għall-użu fuq art iebša biż-żennuna fornuta,
- għal apparat li jista' jiffunzjona wkoll għal għanijiet oħra barra minn dawk ta' tindif bil-vakum, il-potenza elettrika input relevanti għat-tindif bil-vakum jekk din tkun anqas mill-potenza ta' input nominali tal-apparat,
- liema mit-tliet gruppi ta' vacuum cleaners li ġejjin għandhom jiġu ttestjati: vacuum cleaners għal skopijiet ġenerali, vacuum cleaners għal art iebša jew vacuum cleaners għal it-twapet.

<sup>(1)</sup> ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1.

- (b) Id-dokumentazzjoni teknika u parti mill-websajts b'aċċess liberu tal-manifatturi għall-professjonisti, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, jew l-importaturi għandu jkollhom dawn l-elementi li ġejjin:
- informazzjoni rilevanti għal żarmar mhux distruttiv bi skopijiet ta' manutenzjoni, partikolarment fir-rigward tal-pajp, tad-daħla minn fejn tinġibed l-arja, tal-mutur, tal-kejsing u tal-kejbil,
  - informazzjoni rilevanti għaż-żarmar, partikolarment fir-rigward ta' muturi u ta' kwalunkwe batteriji, tar-riċiklaġġ, tal-irkupru u tar-rimi fl-aħħar tal-ħajja tal-apparat.
-

## ANNEX II

## Metodi ta' kejl u ta' kalkolu

1. Għall-finijiet ta' konformità u ta' valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kejl u l-kalkoli għandhom jitwettqu permezz ta' metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl u kalkolu l-aktar reċenti u avvanzati ġeneralment rikonoxxibbli, inklużi l-istandards armonizzati li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dawn għandhom jikkonformaw mad-definizzjonijiet tekniċi, il-kundizzjonijiet, l-ekwazzjonijiet u l-parametri stabbiliti f'dan l-Anness.

## 2. Definizzjonijiet tekniċi

- (a) "test tal-art iebes" tfisser test ta' żewġ ċikli tat-tindif fejn it-tarf li jnaddaf tal-vacuum cleaner li jkun qed jopera fuq il-ġbid massimu jgħaddi minn fuq folja tal-injam bħala żona tat-test bl-istess wisa' daqs it-tarf li jnaddaf u b'tul xieraq, li huwa test ta' fil dijagonali (45°), fejn jiġu mkejla u rreġistrati kontinwament b'rata xierqa tal-kampjun, iż-żmien li jgħaddi, il-konsum tal-elettriku u l-pożizzjoni relattiva taċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf maż-żona tat-test u fejn x'ħin jispiċċa kull ċiklu ta' tindif jiġi vvalutat b'mod xieraq in-nuqqas fil-massa tal-fil tat-test;
- (b) "fil tat-test" tfisser inserzjoni f'forma ta' U, u li tista' tinqala', ta' dimensjonijiet adattati li jmtlew bi trab artifiċjali apposta fil-bidu ta' ċiklu ta' tindif;
- (c) "test tat-twapet" tfisser test b'numru adattat ta' ċikli ta' tindif fuq pjattaforma tat-test b'tapit Wilton fejn it-tarf li jnaddaf tal-vacuum cleaner li jkun qed jopera fuq il-ġbid massimu jgħaddi minn fuq l-erja tat-test li tkun tal-istess wisa' daqs it-tarf li jnaddaf u b'tul xieraq, maħmuġ bi trab imdeffes apposta għat-test li jkun ta' kompożizzjoni adattat u mqassam indaq u f'ammont medju, fejn jiġu mkejla u rreġistrati kontinwament b'rata xierqa tal-kampjun, iż-żmien li jgħaddi, il-konsum tal-elettriku u l-pożizzjoni relattiva taċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf maż-żona tat-test u fejn x'ħin jispiċċa kull ċiklu ta' tindif jiġi vvalutat b'mod xieraq iż-żieda fil-massa tal-kontenitur tat-trab tal-apparat;
- (d) "il-wisa' tat-tarf li jnaddaf" f'm, bi preċiżjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, tfisser il-wisa' massima esterna tat-tarf li jnaddaf;
- (e) "ċiklu tat-tindif" tfisser sekwenza ta' ħames (5) daqqiet doppji bil-vacuum cleaner fuq erja speċifika ta' art għat-test ("tapit" jew "art iebes");
- (f) "daqqa doppja" tfisser moviment parallel wieħed 'l quddiem u wieħed lura bit-tarf li jnaddaf, imwettaq b'veloċità uniformi tad-daqqa tat-test u b'tul speċifikat tad-daqqa tat-test;
- (g) "veloċità tad-daqqa tat-test" f'm/h tfisser il-veloċità adegwata għall-ittestjar tat-tarf li jnaddaf, preferibbilment magħmula minn operatur elettromekkaniku. Prodotti bi truf li jnaddfu li jduru wehdom għandhom jippruvaw jaslu qrib kemm jista' jkun tal-veloċità xierqa, iżda hija permessa devjazzjoni meta jkun iddikjarat dan b'mod ċar fid-dokumentazzjoni teknika;
- (h) "tul tad-daqqa tat-test" f'm tfisser it-tul tal-erja tat-test flimkien mad-distanza koperta miċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf meta mmexxi fuq iż-żoni ta' aċċelerazzjoni xierqa qabel u wara l-erja tat-test;
- (i) "it-trab miġbur" (*dpu*), bi preċiżjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, tfisser il-proporzjon tal-massa artifiċjali mingħajr trab, iddeterminat għal tapit permezz taż-żieda fil-massa tal-kontenitur tat-trab tal-apparat, u għal art iebes permezz tat-tnaqqis fil-massa tat-test tal-fil, wara għadd ta' daqqiet doppji bit-tarf li jnaddaf fuq il-massa ta' trab artifiċjali inizjalment applikata fuq l-erja tat-test, għal korrezzjoni tat-tapit għall-kundizzjonijiet speċifiċi tat-test u għall-korrezzjoni tal-art iebes għat-tul u l-pożizzjonar tat-test tal-fil;
- (j) "sistema ta' vacuum cleaner ta' referenza" tfisser tagħmir tal-laboratorju li jaħdem bl-elettriku użat biex jitkejjel it-trab miġbur ta' referenza u kalibrat minn fuq it-twapet b'parametri relatati tal-arja biex tittejjeb ir-riproduċibilità tar-riżultati tat-test;
- (k) "il-potenza ta' input nominali" f'W tfisser il-potenza elettrika input iddikjarata mill-manifattur, fejn għal apparat li jista' jintuża wkoll għal għanijiet oħra għajr dawk ta' tindif bil-vakum, tapplika biss il-potenza elettrika input rilevanti għat-tindif bil-vakum;
- (l) "emissjoni mill-ġdid tat-trab" tfisser il-proporzjon, espress bħala persentaġġ bi preċiżjoni sa żewġ (2) ċifri wara l-punt deċimali, tal-għadd ta' partikuli kollha ta' trab ta' daqs minn 0,3 sa 10 µm li joħorġu minn vacuum cleaner mal-għadd ta' partikuli kollha ta' trab tal-istess firxa ta' daqs li jidħlu fid-daħla minn fejn tingħbed l-arja, meta pprovduta b'ammont speċifiku ta' trab ta' dik il-firxa ta' daqs ta' partikuli. Il-valur ma jinkludix biss it-trab imkejjejl fl-iżbakk tal-vacuum cleaner iżda wkoll it-trab imtajjar xi mkien ieħor jew minn tnixxijiet, jew iġġenerat mill-vacuum cleaner stess;
- (m) "il-livell tal-qawwa tal-ħoss" tfisser l-emissjonijiet ta' storbuju akustiku fl-arja, espress f'dB(A) re 1 pW u aġġustat għall-eqreb numru sħiħ.



### 3. Konsum annwali tal-enerġija

Il-konsum annwali tal-enerġija  $AE$  jiġi kkalkulat, f'kWh/sena u aġġustat sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali, kif ġej:  
għal vacuum cleaners tat-twapet:

$$AE_c = 4 \times 87 \times 50 \times 0,001 \times ASE_c \times \left( \frac{1 - 0,20}{dpu_c - 0,20} \right)$$

għal vacuum cleaners għal art iebša:

$$AE_{hf} = 4 \times 87 \times 50 \times 0,001 \times ASE_{hf} \times \left( \frac{1 - 0,20}{dpu_{hf} - 0,20} \right)$$

għal vacuum cleaners bi skopijiet ġenerali:

$$AE_{gp} = 0,5 \times AE_c + 0,5 \times AE_{hf}$$

fejn:

- $ASE_c$  hija l-medja tal-konsum speċifiku ta' enerġija f'Wh/m<sup>2</sup> matul it-test tat-tapit, ikkalkulat kif previst hawn taħt,
- $ASE_{hf}$  hija l-medja tal-konsum speċifiku ta' enerġija f'Wh/m<sup>2</sup> matul it-test tal-art iebša, ikkalkulat kif previst hawn taħt,
- $dpu_c$  huwa t-trab miġbur minn fuq it-tapit, iddeterminat skont il-punt 4 ta' dan l-Anness,
- $dpu_{hf}$  huwa t-trab miġbur minn fuq art iebša, iddeterminat skont il-punt 4 ta' dan l-Anness,
- l-għadd standard ta' kompiti ta' tindif ta' siegħa fis-sena huwa 50,
- il-wiċċ li jtnaddaf f'abitazzjoni standard f'm<sup>2</sup> huwa 87,
- l-għadd standard ta' drabi li vacuum cleaner jgħaddi minn fuq kull punt fl-art huwa 4 (żewġ daqqiet doppji),
- il-fattur ta' konverżjoni minn Wh għal kWh huwa 0,001,
- l-istandard tat-trab miġbur huwa 1,
- id-differenza standard bejn it-trab miġbur wara ħames u wara żewġ daqqiet doppji hija 0,20.

*Il-medja tal-konsum tal-enerġija speċifika (ASE)*

Il-medja tal-konsum tal-enerġija speċifika matul it-test tat-tapit ( $ASE_c$ ) u matul it-test tal-art iebša ( $ASE_{hf}$ ) għandha tiġi ddeterminata bħala medja tal-konsum speċifiku tal-enerġija ( $SE$ ) tan-numru ta' ċikli ta' tindif li jikkostitwixxu t-test tat-tapit u tal-art iebša rispettivament. L-ekwazzjoni ġenerali għall-konsum speċifiku ta' enerġija  $SE$  fl-erja tat-test f'Wh/m<sup>2</sup>, bi preċiżjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, applikabbli għal vacuum cleaners tat-twapet, tal-art iebša u għal dawk bi skopijiet ġenerali bis-suffissi xierqa, huwa:

$$SE = \frac{(P + NP) \times t}{A}$$

fejn:

- $P$  huwa l-medja tal-potenza f'W, bi preċiżjoni sat-tieni (2) ċifra wara l-punt deċimali, matul iż-żmien f'ċiklu ta' tindif li ċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf ikun miexi fuq l-erja tat-test,
- $NP$  huwa l-potenza medja ekwivalenti f'W, bi preċiżjoni sat-tieni (2) ċifra wara l-punt deċimali, ta' żennuni attivi li jaħdmu bil-batterija, jekk hemm, tal-vacuum cleaner, ikkalkulat kif jidher hawn taħt,
- $t$  huwa l-ħin totali f'sigħat, bi preċiżjoni sar-raba' (4) ċifra wara l-punt deċimali, f'ċiklu ta' tindif waqt li ċ-ċentru tat-tarf li jnaddaf, jiġifieri punt fin-nofs bejn il-ġenb, quddiem u wara tat-tarf li jnaddaf, ikun miexi fuq l-erja tat-test,
- $A$  huwa l-erja tal-wiċċ f'm<sup>2</sup>, bi preċiżjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, mgħoddija mit-tarf li jnaddaf f'ċiklu ta' tindif, ikkalkulata bħala 10 darbiet il-prodott tal-wisa' tat-tarf li jnaddaf u t-tul xierqa tal-erja tat-test. Jekk vacuum cleaner domestiku għandu tarf li jnaddaf usa' minn 0,320 m, allura ċ-ċifra ta' 0,320 m għandha tkun sostitwita għal wisa' tat-tarf li jnaddaf f'din il-kalkolazzjoni.

Għal testijiet tal-art iebša s-suffissi  $hf$  u l-ismijiet tal-parametri  $SE_{hf}$ ,  $P_{hf}$ ,  $NP_{hf}$ ,  $t_{hf}$  u  $A_{hf}$  għandhom jintużaw fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq. Għat-testijiet tat-twapet is-suffissi  $c$  u l-ismijiet tal-parametri  $SE_c$ ,  $P_c$ ,  $NP_c$ ,  $t_c$  u  $A_c$  għandhom jintużaw fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq. Għal kull wieħed miċ-ċikli ta' tindif, il-valuri ta'  $SE_{hf}$ ,  $P_{hf}$ ,  $NP_{hf}$ ,  $t_{hf}$ ,  $A_{hf}$  u/jew  $SE_c$ ,  $P_c$ ,  $NP_c$ ,  $t_c$ ,  $A_c$  kif applikabbli għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika.

*L-ekwivalenti tal-potenza f'żennuni attivi li jaħdmu bil-batterija (NP)*

L-ekwazzjoni ġenerali għall-medja tal-ekwivalenti tal-potenza f'żennuni attivi li jaħdmu bil-batterija NP f'W, applikabbli għal vacuum cleaners tat-twapet, tal-art iebes u għal dawk bi skopijiet ġenerali bis-suffissi xierqa, huwa:

$$NP = \frac{E}{tbat}$$

fejn:

- $E$  huwa l-konsum tal-elettriku meħtieġ, f'Wh bi preċizzjoni sat-tielet (3) ċifra wara l-punt deċimali, biex iż-żennuna attivai tal-vacuum cleaners li jaħdmu bil-batterija jerġgħu jiċċarġjaw il-batterija kompletament sal-istat oriġinali tagħha wara ċiklu ta' tindif,
- $tbat$  huwa l-ħin totali f'sigħat, bi preċizzjoni sar-raba' (4) ċifra wara l-punt deċimali, f'ċiklu ta' tindif li fih iż-żennunai attiva tal-vacuum cleaner li jaħdem bil-batterija tjiġi attivatai, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

Fil-każ li l-vacuum cleaner ma jkunx mġammar b'żennuni attivi li jaħdmu bil-batterija l-valur ta' NP ikun żero.

Għal testijiet tal-art iebes s-suffiss  $hf$  u l-ismijiet tal-parametri  $NP_{hf}$ , u għandhom jintużaw fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq. Għat-testijiet tat-twapet is-suffiss  $c$  u l-ismijiet tal-parametri  $NP_c$ ,  $E_c$ ,  $tbat_c$  għandhom jintużaw fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq. Għal kull wieħed miċ-ċikli ta' tindif, il-valuri ta'  $E_{hf}$ ,  $tbat_{hf}$  u/jew  $E_c$ ,  $tbat_c$  kif applikabbli, għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika għal kull wieħed miż-żewġ ċikli ta' tindif.

#### 4. It-trab miġbur

It-trab miġbur minn fuq art iebes ( $dpu_{hf}$ ) għandu jkun iddeterminat bħala l-medja tar-riżultati taż-żewġ ċikli tat-tindif f'test tal-art iebes.

It-trab miġbur minn fuq tapit ( $dpu$ ) għandu jkun iddeterminat bħala l-medja tar-riżultati taċ-ċikli tat-tindif f'test tat-twapet. Għall-korrezzjoni tad-devjazzjonijiet mill-proprietajiet oriġinali tat-test tat-twapet, it-trab miġbur minn fuq tapit ( $dpu$ ) għandu jkun ikkalkolat kif ġej:

$$dpu_c = dpu_m \times \left( \frac{dpu_{cal}}{dpu_{ref}} \right)$$

fejn:

- $dpu_m$  huwa t-trab miġbur mill-vacuum cleaner imkejjel,
- $dpu_{cal}$  huwa t-trab miġbur tas-sistema ta' vacuum cleaner ta' referenza mkejjel meta t-test tat-twapet kien f'kundizzjoni oriġinali,
- $dpu_{ref}$  huwa t-trab miġbur mis-sistema ta' vacuum cleaner ta' referenza u mkejjel.

Il-valuri ta'  $dpu_m$ , għal kull wieħed miċ-ċikli ta' tindif,  $dpu_c$ ,  $dpu_{cal}$  u  $dpu_{ref}$  għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika.

#### 5. L-emissjoni mill-ġdid tat-trab

L-emissjoni mill-ġdid tat-trab għandha tiġi ddeterminata waqt li l-vacuum cleaner ikun qed jitħaddem bl-influss massimu tal-arja.

#### 6. Il-livell tal-qawwa tal-ħoss

Il-livell tal-qawwa tal-ħoss għandu jkun iddeterminat fuq it-tapit.

#### 7. Id-durabilità tal-pajp

Il-pajp għandu jkun meqjus utli wara 40 000 oxxillazzjoni taħt pressjoni jekk ma jkollux ħsara viżibbli wara dawk l-oxxillazzjonijiet. Għandu jiġi sfurzat permezz ta' piż ta' 2,5 kilogramm.

#### 8. It-tul tal-ħajja operattiva tal-mutur

Il-vacuum cleaner għandu jitħaddem b'kontenitur tat-trab nofsu mimli b'mod intermittenti f'perjodi ta' 14-il minuta fejn jaħdem għal 30 sekonda u jintefa għal 30 sekonda. Il-kontenitur tat-trab u l-filtri għandhom jinbidlu f'intervalli tal-ħin addattati. It-test jista' jitwaqqaf wara 500 siegħa u għandu jitwaqqaf wara 600 siegħa. Għandu jiġi rreġistrat il-ħin totali tal-ħidma li jkun inkluż fid-dokumentazzjoni teknika. Il-fluss tal-arja, il-potenza tal-input u tal-vakum għandhom jiġu ddeterminati f'intervalli xierqa u l-valuri operattivi għandhom, flimkien mal-ħajja operattiva tal-mutur, jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika.

#### 9. Vacuum cleaners ibridi

Għal vacuum cleaners ibridi l-kejl kollu għandu jiġi esegwit mal-vacuum cleaner li jaħdem permezz tal-mejn tal-elettriku u ma' kwalunkwe żennuni attivi li jaħdmu bil-batterija biss.

## ANNEX III

**Proċedura ta' verifika għall-finijiet ta' sorveljanza tas-suq**

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura ta' verifika li ġejja għar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II meta jkunu qed iwettqu l-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq imsemmija fl-Artikolu 3(2) ta' 2009/125/KE:

1. L-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jittestjaw unità waħda biss għal kull mudell.
2. Il-mudell tal-vacuum cleaner għandu jitqies li jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jekk il-valuri fid-dokumentazzjoni teknika jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Anness u jekk l-ittestjar tal-parametri tal-mudell rilevanti elenkat fl-Anness I u fit-Tabella 1 juri konformità għal dawk il-parametri kollha.
3. F'każ li ma jinkisibx ir-risultat imsemmi fil-punt 2, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw tliet unitajiet addizzjonali magħżula b'mod każwali. Bħala alternattiva, it-tliet unitajiet addizzjonali magħżula jistgħu jkunu ta' mudell wieħed jew aktar li, skont l-Artikolu 4, ikunu ġew elenkati bħala vacuum cleaner ekwivalenti fid-dokumentazzjoni teknika tal-manifattur.
4. Il-mudell tal-vacuum cleaner għandu jitqies li jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jekk l-ittestjar tal-parametri tal-mudell rilevanti elenkat fl-Anness I u fit-Tabella 1 juri konformità ma' dawk il-parametri kollha.
5. Jekk ir-risultati msemmeja fil-punti 4 ma jintlaħqux, il-mudell flimkien mal-vacuum cleaners ekwivalenti kollha għandhom jitqiesu bħala mhux konformi ma' dan ir-Regolament.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu stipulati fl-Anness II.

It-tolleranzi tal-verifika definiti f'dan l-Anness jirreferu biss għall-verifika tal-parametri mkejla mill-awtoritajiet tal-Istat Membru u ma għandhomx jintużaw mill-manifattur jew l-importatur bħala tolleranza permessa biex jiġu stabbiliti l-valuri fid-dokumentazzjoni teknika.

Tabella 1

Parametru	Tolleranzi tal-verifika
Konsum annwali tal-enerġija	Il-valur stabbilit ( <sup>1</sup> ) ma jaqbiżx il-valur iddikjarat b'aktar minn 10 %.
It-trab miġbur minn fuq it-twapet	Il-valur stabbilit ( <sup>1</sup> ) mhuwiex aktar minn 0,03 anqas mill-valur iddikjarat.
It-trab miġbur minn fuq l-art iebsa	Il-valur stabbilit ( <sup>1</sup> ) mhuwiex aktar minn 0,03 anqas mill-valur iddikjarat.
L-emissjoni mill-ġdid tat-trab	Il-valur stabbilit ( <sup>1</sup> ) ma jaqbiżx il-valur iddikjarat b'aktar minn 15 %.
Il-livell tal-qawwa tal-ħoss	Il-valur stabbilit ( <sup>1</sup> ) mhuwiex ogħla mill-valur iddikjarat.
Il-ħajja operattiva tal-mutur	Il-valur stabbilit ( <sup>1</sup> ) mhuwiex aktar minn 5 % anqas mill-valur iddikjarat.

(<sup>1</sup>) il-medja aritmetika tal-valuri stabbiliti fil-każ ta' tliet unitajiet addizzjonali ttestjati kif preskritt fil-punt 3.

## ANNEX IV

**Parametri ta' riferiment**

Fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-aħjar teknoloġija disponibbli fis-suq għal vacuum cleaners domestiċi, f'termini tal-konsum tal-enerġija speċifiku tagħhom, huwa vacuum cleaner wieqaf ta' 650 W bit-tarf li jnaddaf b'wisa' ta' 0,28 m, li jitradduċi ruħu f'konsum speċifiku ta' enerġija ta' 1,29 Wh/m<sup>2</sup>, għalkemm b'livell tal-qawwa tal-ħoss stmat aktar minn 83 dB.

Id-dejta dwar it-trab miġbur u l-emissjoni mill-ġdid tat-trab għall-magna msemmija hawn fuq u konformi mal-metodi definiti u ta' referenza f'dan ir-Regolament mhijiex disponibbli. L-aħjar valur tat-trab miġbur attwalment disponibbli fis-suq huwa madwar 1,08 għal art iebes bil-fil, u 0,90 fuq tapit. L-aħjar valur tal-emissjoni mill-ġdid tat-trab attwalment disponibbli fis-suq huwa madwar 0,0002 %. L-aħjar livell tal-qawwa tal-ħoss huwa 62 dB.

---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 667/2013

tat-12 ta' Lulju 2013

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' diklażuril bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Eli Lilly and Company Ltd.) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 162/2003

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistjipula l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u għar-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10 tar-Regolament jistipula l-valutazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE <sup>(2)</sup>.
- (2) Id-diklażuril, numru CAS 101831-37-2, kien awtorizzat għal għaxar snin skont id-Direttiva 70/524/KEE bħala addittiv fl-għalf għall-użu fuq it-tiġieġ imrobbija għall-bajd mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 162/2003 <sup>(3)</sup>. Dik il-preparazzjoni wara ddaħħlet fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodott eżistenti, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-evalwazzjoni mill-ġdid tad-diklażuril bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd, bit-talba li l-addittiv jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "koċċidjostatiċi u istomonostatiċi". Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata bil-partikularitajiet u d-dokumenti mitluba skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (4) Fl-opinjoni tagħha tal-31 ta' Jannar 2013 <sup>(4)</sup>, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet, li skont il-kundizzjonijiet proposti ta' użu, id-diklażuril ma għandux effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u li l-addittiv huwa effettiv biex jikkontrolla l-koċċidjożi fit-tiġieġ imrobbija

għall-bajd. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittivi tal-għalf fl-għalf li tressaq mil-Laboratorju ta' Referenza mwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

- (5) L-evalwazzjoni tad-diklażuril, numru CAS 101831-37-2, turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (6) Bħala konsegwenza tal-għoti ta' awtorizzazzjoni ġdida skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ir-Regolament (KE) Nru 162/2003 għandu jitħassar.
- (7) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jitolbux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni, huwa xieraq li l-partijiet interessati jingħataw perjodu tranżitorju biex jippreparaw lilhom infushom biex jilhqnu r-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.
- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tiffirma parti mill-kategorija tal-addittivi "koċċidjostatiċi u istomonostatiċi", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali, soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

## Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 162/2003 huwa rrevokat.

## Artikolu 3

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness u l-għalf li jkun fih dik il-preparazzjoni, li huma prodotti u ttikkettati qabel it-2 ta' Frar 2014 skont ir-regoli applikabbli qabel it-2 ta' Awwissu 2013 jistgħu jibqgħu jittqiegħdu fuq is-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

<sup>(2)</sup> ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 26, 31.1.2003, p. 3.

<sup>(4)</sup> EFSA Journal 2013; 11(3):3106.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---

## ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv (Isem kummerċjali)	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni	Limiti Massimi ta' Residwu (MRLs) fl-għalf rilevanti li joriġinaw mill-annimali
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %				
<b>Koċċidjostatiċi u istomonostatiċi</b>										
51771	Eli Lilly and Company Ltd.	Diklażuril 0,5 g/100 g  (Clinacox 0,5 %)	<i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i>  Diklażuril: 0,50 g/100 g  Ikel magħmul minn estratt tas-sojja nieqes mill-proteini: 99,25 g/100 g  Polividon K 30: 0,20 g/100 g  Idrossidu tas-sodju: 0,05 g/100 g  <i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i>  Diklażuril, C <sub>17</sub> H <sub>9</sub> Cl <sub>3</sub> N <sub>4</sub> O <sub>2</sub> , (±)-4-klorofenil[2,6-dikloro-4-(2,3,4,5-tetraidro-3,5-diosso-1,2,4-triazin-2-il)fenil]acetoneitril,  Numru tal-CAS: 101831-37-2  Impuritajiet relatati:  Kompost ta' degradazzjoni (R064318): ≤ 0,1 %  Impuritajiet relatati oħra (T001434, R066891, R068610, R070156, R070016): ≤ 0,5 % individwalment  Impuritajiet totali: ≤ 1,5 %  <i>Metodu analitiku</i> <sup>(1)</sup>  Għad-determinazzjoni ta' diklażuril fl-għalf: kromatografija b'likwidi ta' pres-tazzjoni għolja b'fażi riversjata (HPLC) b'użu ta' ditettur UV b'280 nm (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009) <sup>(2)</sup> .	Tiġieġ imrobbija għall-bajd	16-il ġimgħa	1	1	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf kompost f'forma ta' pretaħlita.  2. Id-diklażuril ma għandux jitħallat ma' koċċidjostatiċi oħrajn.  3. Għas-sikurezza: waqt l-immuniġġar għandhom jintużaw protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwant.  4. Programm ta' monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq dwar ir-reżistenza għall-batterja u l- <i>Eimeria</i> spp għandu jitwettaq mid-detentur tal-awtorizzazzjoni.	It-2 ta' Awwissu 2023	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 <sup>(3)</sup>

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv (Isem kummerċjali)	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-animall	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni	Limiti Massimi ta' Residwu (MRLs) fl-għalf rilevanti li joriġinaw mill-animalli
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %				
			Għad-determinazzjoni ta' diklażuril fit-tessuti tal-pollam: L-HPLC flimkien ma' spettrometru tal-massa kwadropolu triplu (MS/MS) b'użu ta' jone prekursor wieħed u żewġ joni dijanjostiċi fformati bħala prodott ta' reazzjoni.							

(<sup>1</sup>) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz elettroniku li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità: [http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL\\_feed\\_additives/Pages/index.aspx](http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx)

(<sup>2</sup>) ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1.

(<sup>3</sup>) ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1.



## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 668/2013

tat-12 ta' Lulju 2013

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal 2,4-DB, dimetomorf, indossakarb, u piraklostrobina f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-2,4-DB, indossakarb u piraklostrobina, il-limiti massimi ta' residwi (MRLs — maximum levels for residues) huma stipulati fl-Anness II u l-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għad-dimetomorf, l-MRLs huma stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Ċerti adattamenti tekniċi għandhom isiru, b'mod partikolari l-isem tas-sustanza attiva '2,4 DB' għandu jinbidel u jsir '2,4-DB'. L-Anness II u l-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (3) Għall-2,4-DB, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", issottomettiet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu<sup>(2)</sup>. L-Awtorità pproponiet li tibdel id-definizzjoni tar-residwu. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-ħabba tax-xgħir, il-ħabba tal-ħafur, il-ħabba tas-segala u l-ħabba tal-qamħ, għal-laħam, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tal-majjali, l-annimali bovini, in-nagħaġ u l-mogħoż, kif ukoll għall-ħalib tal-baqar, il-ħalib tan-nagħaġ u l-ħalib tal-mogħoż xi informazzjoni ma kinetx disponibbli u kienet meħtieġa iktar konside-

razzjoni mill-amministraturi tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom ikunu stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew il-livell identifikat mill-Awtorità. Dawk l-MRLs se jiġu riveduti filwaqt li tiġi kkunsidrata l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- (4) Għad-dimetomorf, l-Awtorità sottomettiet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu<sup>(3)</sup>. L-Awtorità pproponiet li tibdel id-definizzjoni tar-residwu. L-Awtorità rrakkomandat li tnaqqas l-MRLs għall-ananas, il-patata, il-basal żgħir, il-ħjar, il-ħjar żgħir, il-qara' bagħli, il-bettieħ, il-ġidra, l-iskalora, iċ-ċikwejra, il-fażola (friska, mingħajr miżwed), iż-żerriegħa tal-peprin u iż-żerriegħa tal-lift, għal-laħam, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tal-majjal, l-annimali bovini, in-nagħaġ u l-mogħoż, kif ukoll għal-laħam tat-tjur, ix-xaħam tat-tjur, il-fwied tat-tjur, il-ħalib tal-baqar, il-ħalib tan-nagħaġ, il-ħalib tal-mogħoż u l-bajd tal-għasafar. Għal prodotti oħrajn huwa rrakomandat li jiżdied il-livell tal-MRLs jew jibqa' dak eżistenti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-għollieq, il-lampun u l-ispinaċi xi informazzjoni ma kinetx disponibbli u kienet meħtieġa iktar konsiderazzjoni mill-amministraturi tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom ikunu stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew il-livell identifikat mill-Awtorità. Dawk l-MRLs se jiġu riveduti filwaqt li tiġi kkunsidrata l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-ħxejjex tal-basla — oħrajn, l-MRLs għandhom ikunu ffixsati flivell differenti minn dak identifikat mill-Awtorità, ladarba ma hemmx riskju għall-konsumaturi u abbażi ta' informazzjoni addizzjonali dwar prattiki agrikoli tajbin ipprovduta mill-Ġermanja. Fir-rigward tat-tewm, il-basal, l-għenieqed tal-basal, il-brokkli, il-kaboċċa kkabuċċata, il-kaboċċa mwerrqa, il-ħass, l-iskalora, l-ispinaċi, il-weraq tal-pitravi u l-karfus, wara s-sottomissjoni tal-opinjoni msemmija fl-ewwel sentenza, l-Awtorità sottomettiet iktar opinjonijiet dwar l-MRLs<sup>(4)</sup> <sup>(5)</sup>. Jirraq li dawn l-opinjonijiet jiġu kkunsidrati.

<sup>(1)</sup> ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

<sup>(2)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Reviżjoni tal-limiti massimi ta' residwu (MRLs) eżistenti għall-2,4-DB skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal*, 2011; 9(10):2420. [35 pp.].

<sup>(3)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Reviżjoni tal-limiti massimi ta' residwu (MRLs) eżistenti għad-dimetomorf skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal*, 2011; 9(8):2348. [64 pp.].

<sup>(4)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Modifika tal-MRLs eżistenti għad-dimetomorf fil-weraq tal-ispinaċi u tal-pitravi (chard). *EFSA Journal*, 2011; 9(11):2437. [24 pp.].

<sup>(5)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Modifika tal-MRLs eżistenti għad-dimetomorf f'għelejjeġ varji tal-ħxejjex. *EFSA Journal*, 2012; 10(7):2845. [35 pp.].

- (5) Għall-indossakarb, l-Awtorità sottomettiet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu <sup>(1)</sup>. L-Awtorità pproponiet li tibdel id-definizzjoni tar-residwu. L-Awtorità rrakkomandat li tnaqqas l-MRLs għall-mirtilli, il-passolina, ir-ribes, il-ballerini, it-tut, l-għanżalor, il-frott tas-sebuqa, il-kaboċċi ta' Brussell, il-kaboċċa kkabuċċata, l-iskalora, il-karawett, iż-żerriegħa tal-lift u l-ħabba tal-qamħirrum. Għal prodotti oħrajn huwa rrakomandat li jiżdied il-livell tal-MRLs jew jibqà dak eżistenti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għat-tuffieħ, il-brokkli, il-pastard, il-valerjanella, l-aruka, ir-rukola il-weraq u r-raħs tal-kaboċċa mwerrqa, il-laħam tat-tjur, ix-xaħam tat-tjur, il-fwied tat-tjur u l-bajd tal-għasafar xi informazzjoni ma kinetx disponibbli u li kienet meħtieġa iktar informazzjoni mill-amministraturi tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom ikunu stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew il-livell identifikat mill-Awtorità. Dawk l-MRLs se jiġu riveduti filwaqt li tiġi kkunsidrata l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-frawli, il-lampun, il-kaboċċa Ċiniża, il-valerjanella, il-fażola (friska, bil-miżwed), il-qaqoċċ selvaġġ, il-bużbież u r-rabarbu, wara s-sottomissjoni tal-opinjoni msemmija fl-ewwel sentenza, l-Awtorità sottomettiet opinjoni ulterjuri dwar l-MRLs <sup>(2)</sup>. Jixraq li din l-opinjoni tiġi kkunsiderata.
- (6) Għall-piraklostrobin, l-Awtorità sottomettiet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu <sup>(3)</sup>. L-Awtorità rrakkomandat li tnaqqas l-MRLs għall-iskalora u l-lupini (imnixxfa). Għal prodotti oħrajn huwa rrakomandat li jiżdied il-livell tal-MRLs jew jibqà dak eżistenti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-għeneb tal-ikel, il-karfus, iż-żerriegħa tal-qoton u l-kafe' mhux mitħun xi informazzjoni ma kinetx disponibbli u kienet meħtieġa iktar konsiderazzjoni mill-amministraturi tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom ikunu stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew il-livell identifikat mill-Awtorità. Dawk l-MRLs se jiġu riveduti filwaqt li tiġi kkunsidrata l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-larinġ, il-kaboċċa mwerrqa, iż-żerriegħa tal-kittien, il-karawett, iż-żerriegħa tal-peprin, il-ġunġlien, iż-żerriegħa tal-lift, iż-żerriegħa tal-mustarda, iż-żerriegħa tal-qoton, l-għosfor, il-fidloqqom, il-kamelina u r-rignu, wara s-sottomissjoni tal-opinjoni msemmija fl-ewwel sentenza, l-Awtorità sottomettiet opinjonijiet ulterjuri dwar l-MRLs <sup>(4)</sup> <sup>(5)</sup>. Jixraq li dawn l-opinjoni jtiġi kkunsidrati. Fir-rigward taċ-ċirasa, il-ħawħ, l-għanbaqar, il-frawli, l-għollieq, il-lampun, il-mirtilli, il-papaja, il-basal, l-għerq tal-qara' — qoxra li tittiekel, ix-xgħir, il-ħafur, is-segala, is-sorgu u l-qamħ, wara li l-Awtorità sottomettiet l-opinjoni msemmija fl-ewwel sentenza, il-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius (CAC — Codex Alimentarius Commission) <sup>(6)</sup> adottat l-MRLs tal-Kodiċi (CXLs — Codex MRLs) għall-piraklostrobina. Jixraq li dawn is-CXLs jiġu kkunsidrati, bl-eċċezzjoni ta' dawk is-CXLs li huma perikolużi għal grupp ta' konsumaturi Ewropej u li għalihom l-Unjoni ppreżentat riserva lill-CAC <sup>(7)</sup>.
- (7) Fuq il-bażi tal-opinjoni motivati tal-Awtorità, u b'konsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti għas-suġġett li qed jiġi kkunsidrat, l-emendi rilevanti fl-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (8) L-imsieħba kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-MRLs il-ġodda u l-kummenti tagħhom ġew ikkonsidrati.
- (9) Għandu jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jsiru applikabbli l-MRLs emendati biex lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati jingħatalhom iż-żmien iħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifiki tal-MRLs.
- (10) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u l-Parti A u B tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (11) Biex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, ir-Regolament għandu jstipula arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew prodotti legalment qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom l-informazzjoni turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

<sup>(4)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Modifika tal-MRLs eżistenti għall-piraklostrobina f'għelejjeġ varji. *EFSA Journal*, 2011; 9(3):2120. [41 pp.].

<sup>(5)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Modifika tal-MRLs eżistenti għall-piraklostrobina fil-kaboċċa mwerrqa u diversi ċereali. *EFSA Journal*, 2012; 10(3):2606 [36 pp.].

<sup>(6)</sup> Rapporti tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi jistgħu jinstabu fuq: [http://www.codexalimentarius.org/download/report/777/REP12\\_PRe.pdf](http://www.codexalimentarius.org/download/report/777/REP12_PRe.pdf)

Programm konġunt tal-FAO/WHO dwar l-istandards alimentari tal-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius. Appendiċi II u III. Is-sessjoni numru ħamsa u tletin. Ruma, l-Italja, 2-7 ta' Lulju 2012.

<sup>(7)</sup> Appoġġ xjentifiku għat-tnejn tal-pożizzjoni tal-UE fis-Sessjoni numru 44 tal-Kumitat tal-Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi (CCPR — Codex Committee on Pesticide Residues). *EFSA Journal*, 2012; 10(7):2859 [155 pp.].

<sup>(1)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Revizzjoni tal-limiti massimi ta' residwu (MRLs) eżistenti għall-indossakarb skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Il-Ġurnal FSA 2011; 9(8):2343. [83 pp.], kif ippubblikat fit-3 ta' Settembru 2012.

<sup>(2)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Modifika tal-MRLs eżistenti għall-indossakarb f'għelejjeġ varji. *EFSA Journal*, 2012; 10(7):2833. [33 pp.], kif ippubblikat fil-5 ta' Settembru 2012.

<sup>(3)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Revizzjoni tal-limiti massimi ta' residwu (MRLs) eżistenti għall-piraklostrobina skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal*, 2011; 9(8):2344. [92 pp.].

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqgħa japplika għall-prodotti li kienu prodotti b'mod legali qabel it-2 ta' Frar 2014:

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2013.

(1) fir-rigward tas-sustanzi attivi 2,4-DB u dimetamorf fil-prodotti kollha jew fuqhom.

(2) fir-rigward tas-sustanza attiva indossakarb fil-prodotti kollha jew fuqhom bl-eċċezzjoni tal-kaboċċa kkabuċċata u l-iskalora (indivja bil-weraq wisgħin),

(3) fir-rigward tas-sustanza attiva piraklostrobina fil-prodotti kollha jew fuqhom bl-eċċezzjoni tal-iskalora (indivja bil-weraq wisgħin).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-2 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

## ANNEX

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġu emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-kolonna għall-2,4-DB, indossakarb u piraklostrobina jinbidlu b'li ġej:

**“Residwi ta’ pestiċidi u livelli massimi ta’ residwi (mg/kg)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta’ prodotti individwali li l-MRLs japplikaw għalihom (*)	2,4-DB (it-total ta’ 2,4-DB, l-impluħa tiegħu, l-esteri u l-ikkonjugati tiegħu, espressi bħala 2,4-DB) (R)	Indossakarb (total ta’ indossakarb u l-enantiomer R tiegħu) (F)	Pyraclostrobin (F)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0100000	<b>1. FROTT FRISK JEW IFRIZZAT; ĠWIEŻ</b>			
0110000	<b>(i) Frott taċ-ċitru</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	
0110010	Grejpfrut (Shaddocks, pomelos, sweeties, tangelo (minbarra l-minneola), ugħli u ibridi oħra)			1
0110020	Larinġ (Bergamott, larinġ qares, kinotto u ibridi oħra)			2
0110030	Lumi (Trong, lumi)			1
0110040	Xkomp (lajm)			1
0110050	Mandolin (Klementini, mandolin, il-minneola u ibridi oħra)			1
0110990	Oħrajn			1
0120000	<b>(ii) Ġwież tas-siġar (bil-qoxra jew mingħajrha)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	
0120010	Lewż			0,02 (*)
0120020	Ġewż tal-Brażil			0,02 (*)
0120030	Kexjus jew ġwież ta’ l-anakardju			0,02 (*)
0120040	Qastan			0,02 (*)
0120050	Ġewż ta’ l-Indi (coconut)			0,02 (*)
0120060	Ġellewż (Filbert)			0,02 (*)
0120070	Macadamia			0,02 (*)
0120080	Ġewż Amerikan (pecans)			0,02 (*)
0120090	Ġwież ta’ l-arznu (pine nuts)			0,02 (*)
0120100	Pistaċċi			1

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0120110	Ġewż			0,02 (*)
0120990	Oħrajn			0,02 (*)
0130000	<b>(iii) Frott taż-żerriegħa</b>	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,5</b>
0130010	Tuffieħ (Tuffieħ selvaġġ (Malus sylvestris))		<b>0,5 (+)</b>	
0130020	Lanġas (Lanġas Orjentali)		<b>0,5</b>	
0130030	Sfarġel		<b>0,02 (*)</b>	
0130040	Naspli		<b>0,02 (*)</b>	
0130050	Loquat		<b>0,02 (*)</b>	
0130990	Oħrajn		<b>0,02 (*)</b>	
0140000	<b>(iv) Frott ta' l-għadma</b>	<b>0,01 (*)</b>	1	
0140010	Berquq			<b>1</b>
0140020	Ċiras (Ċiras ħelu, ċiras qares )			3
0140030	Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili)			0,3
0140040	Għanbaqar (Pruna għanbaqra, mirabelle, pruna salvaġġa)			0,8
0140990	Oħrajn			0,02 (*)
0150000	<b>(v) Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0151000	<i>(a) Għeneb ta' l-ikel u għall-inbid</i>		2	
0151010	Għeneb ta' l-ikel			<b>1 (+)</b>
0151020	Għeneb għall-inbid			2
0152000	<i>(b) Frawli</i>		0,6	1,5
0153000	<i>(c) Frott tal-kannamiela</i>			
0153010	Tut		0,5	3
0153020	Dewberries (Loganberries, Boysenberries, u cloudberries)		0,02 (*)	2
0153030	Lampun (Wineberries, għollieq tal-Artiku/lampun, (Rubus arcticus), nectar raspberries (Rubus arcticus x idaeus))		0,6	3
0153990	Oħrajn		0,02 (*)	2
0154000	<i>(d) Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor</i>			
0154010	Blueberries (Mirtill)		<b>0,8</b>	4
0154020	Cranberries (għeneb tal-muntanja (bilberries/mirtill aħmar))		1	3
0154030	Passolina (ħamra, sewda jew bajda)		<b>0,8</b>	3

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0154040	Ribes (Inklużi l-ibridi ma' speċi oħra ta' ribes)		<b>0,8</b>	3
0154050	Warda Skoċċiża		<b>0,8</b>	3
0154060	Ċawsli (arbutus berry)		<b>0,8</b>	3
0154070	Azarole (naspla Mediterranja) (Kiwiberry (Actinidia arguta))		<b>0,8</b>	3
0154080	Elderberries (frott is-sebuqa) (Black chokeberry (appleberry), mountain ash, azarole, buckthorn (sea sallowthorn), hawthorn, service berries, u frott tal-bosk ieħor)		<b>0,8</b>	3
0154990	Oħrajn		<b>0,8</b>	3
0160000	(vi) <b>Frott mixxellanju</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0161000	(a) <i>Qoxra li tittiekol</i>		0,02 (*)	0,02 (*)
0161010	Tamar			
0161020	Tin			
0161030	Żebbuġ tal-mejda			
0161040	Kumquat (Marumi kumquats, nagami kumquats, limequats (Citrus aurantifolia x Fortunella spp.))			
0161050	Karambola (Bilimbi)			
0161060	Frotta tal-kaki			
0161070	Jambolan(java plum), (Tuffieħa ta' Ġava (water apple), pomerac, rose apple, ċirasa Brażiljana ċirasa tas-Surinam (grumichama Eugenia uniflora), )			
0161990	Oħrajn			
0162000	(b) <i>qoxra li ma tittikilx, zġħira</i>		0,02 (*)	0,02 (*)
0162010	Kiwi			
0162020	Liċċi (lychee) (Pulasan, rambutan (liċċi bis-suf), mangosteen)			
0162030	Frotta tal-passjoni			
0162040	Bajtar tax-xewk			
0162050	Star apple			
0162060	Frotta tal-kaki (Kaki tal-Virġinja) (Sapote sewda, bajda, ħadra, safra (canistel), u mammej)			
0162990	Oħrajn			
0163000	(c) <i>qoxra li ma tittikilx, kbira</i>			
0163010	Avokado		0,02 (*)	0,02 (*)
0163020	Banana (Banana nanija, pjantaġġni, bananito)		0,2	0,02 (*)
0163030	Mango		0,02 (*)	0,05

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0163040	Papaja		0,02 (*)	0,07
0163050	Rummien		0,02 (*)	0,02 (*)
0163060	Ċerimoja (Custard apple, sugar apple (sweetsop) , llima u Annonaceae oħra ta' daqs medju)		0,02 (*)	0,02 (*)
0163070	Gwava (Pitaja ħamra jew ħelwa (Hylocereus undatus))		0,02 (*)	0,02 (*)
0163080	Ananas		0,02 (*)	0,02 (*)
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż (Jackfruit)		0,02 (*)	0,02 (*)
0163100	Durian		0,02 (*)	0,02 (*)
0163110	Il-frotta ta' l-annona (guanbana),		0,02 (*)	0,02 (*)
0163990	Oħrajn		0,02 (*)	0,02 (*)
0200000	<b>2. ĦAXIX FRISK JEW IFFRIŻAT</b>			
0210000	<b>(i) Ħxejjex mill-għeruw u t-tuberi</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0211000	(a) Patata		0,02 (*)	0,02 (*)
0212000	(b) Ħxejjex tropikali mill-għeruw u t-tuberi		0,02 (*)	0,02 (*)
0212010	Kassava (Dasheen, eddoe (Japanese taro), tannia)			
0212020	Patata ħelwa			
0212030	Jamm (Potato bean (yam bean), Mexican yam bean)			
0212040	Ararut			
0212990	Oħrajn			
0213000	(c) Ħxejjex oħra ta' l-għeruw u tat-tuberi minbarra pitravi			
0213010	Pitravi		0,02 (*)	0,1
0213020	Karotti		0,02 (*)	<b>0,5</b>
0213030	Krafes bl-għeruw/krafes Ġermaniżi		0,02 (*)	0,3
0213040	Għerq il-mustarda (L-għeruw tal-aġelika, tal-lovage, tal-ġenzjana )		0,02 (*)	0,3
0213050	Artiċokks		0,02 (*)	0,02 (*)
0213060	Zunnarija bajda		0,02 (*)	0,3
0213070	Għerq it-tursin		0,02 (*)	0,1
0213080	Ravanell (Ravanell iswed, ravanell Ġappuniż, ravanell zġħir u varjetajiet simili, tiger nut (Cyperus esculentus))		<b>0,3</b>	<b>0,5</b>
0213090	Sassefrika (Scorzonera, sassefrika Spanjola (Spanish oysterplant))		0,02 (*)	0,1
0213100	Rutabaga		0,02 (*)	0,02 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0213110	Turnip (xorta ta' Brassica)		0,02 (*)	0,02 (*)
0213990	Oħrajn		0,02 (*)	0,02 (*)
0220000	(ii) <b>Ħxejjex tal-basla</b>	<b>0,01 (*)</b>	0,02 (*)	
0220010	Tewm			<b>0,3</b>
0220020	Basal (Basal silverskin)			1,5
0220030	Shallots			<b>0,3</b>
0220040	Basal tar-rebbiegħa (Basla ta' Wales u varjetajiet simili)			1,5
0220990	Others			0,02 (*)
0230000	(iii) <b>Ħxejjex tal-frott</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0231000	(a) <i>Solanacea</i>			
0231010	Tadam (Tadam ċiras, tadam tas-siġra, il-Fisalis, il-gogiberry, il-wolfberry (Lycium barbarum u L. chinense))		0,5	0,3
0231020	Bżar (Bżar aħmar)		0,3	0,5
0231030	Brunġiel (Pepino)		0,5	0,3
0231040	Okra		0,02 (*)	0,02 (*)
0231990	Oħrajn		0,02 (*)	0,02 (*)
0232000	(b) <i>Cucurbits – qoxra li tittikkel</i>		0,5	0,5
0232010	Ħjar			
0232020	Ħjar żgħar (gherkins)			
0232030	Zukkini (Summer squash, qara' (patisson))			
0232990	Oħrajn			
0233000	(c) <i>Cucurbits-qoxra li ma tittikilx</i>		0,5	0,5
0233010	Bettieħ (Kiwano)			
0233020	Qara' (Qargħa ħamra)			
0233030	Dulliegħ			
0233990	Oħrajn			
0234000	(d) <i>Qamħ ħelu (Sweet corn)</i>		0,02 (*)	0,02 (*)
0239000	(e) <i>Ħxejjex tal-frott oħra</i>		0,02 (*)	0,02 (*)
0240000	(iv) <b>Ħxejjex tal-genus brassica</b>	<b>0,01 (*)</b>		



(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0241000	(a) <i>Brassica bil-fjuri</i>		0,3	0,1
0241010	Brokkoli (Calabrese, brokkoli Ċiniżi, broccoli raab )		(+)	
0241020	Pastard		(+)	
0241990	Oħrajn			
0242000	(b) <i>Rjus tal-brassica</i>			
0242010	Brussels sprouts		<b>0,06</b>	<b>0,3</b>
0242020	Ġidra (Kaboċċa bir-ras ippuntata, kaboċċa ħamra, kaboċċa mfelfla (savoy), kaboċċa bajda)		<b>0,2</b>	0,2
0242990	Oħrajn		0,02 (*)	0,02 (*)
0243000	(c) <i>Brassica bil-weraq</i>			1,5
0243010	Kaboċċi Ċiniżi (Mustarda Indjana (Ċiniża) pak choi, kaboċċa ċatta Ċiniża (tai goo choi), kaboċċa ta' peking (pe-tsai) )		3	
0243020	Kale (Borecole (kale innukklat) collards, Kale Portugiż, Kaboċċa Portugiża, cow cabbage)		<b>0,4</b>	
0243990	Oħrajn, inkluż in-naħat ta' fuq tat-turnips		<b>0,4</b>	
0244000	(d) <i>Kohlrabi</i>		0,02 (*)	0,02 (*)
0250000	(v) <b>Ħxejjex tal-weraq u ħwawar friski</b>			
0251000	(a) <i>Ħass u pjanti oħra ta' l-insalata inkluż il-Brassicacea</i>	<b>0,01 (*)</b>		
0251010	Valerjanella (Cornsalad Taljan)		30	10
0251020	Ħass (Ħass ikkabboċjat, lollo rosso, ħass iceberg, ħass romaine (cos))		2	2
0251030	Scarole (indivja tal-werqa wiesgħa) (Ċikwejra selvaġġa, ċikwejra tal-werqa ħamra, radicchio, indivja tal-weraq innukklat, sugar loaf)		<b>1</b>	<b>0,4</b>
0251040	Ħabirxa		0,02 (*)	<b>10</b>
0251050	Krexxun,		0,02 (*)	<b>10</b>
0251060	Rukola (Aruka selvaġġa)		<b>2 (+)</b>	<b>10</b>
0251070	Mustarda ħamra		0,02 (*)	<b>10</b>
0251080	Għeruq u rimi of Brassica spp. (Miżuna, weraq tal-piselli u tar-ravanell u pjanti oħra tal-familja brassica bil-weraq żgħir (pjanti li jinħasdu sal-istadju fejn ikollhom l-ewwel 8 werqat))		<b>2 (+)</b>	<b>10</b>
0251990	Oħrajn		0,02 (*)	<b>10</b>
0252000	(b) <i>Spinaċi u smili (weraq)</i>	<b>0,01 (*)</b>		
0252010	Spinaċi (Spinaċi tan-New Zealand, spinaċi amaranthus)		2	0,5

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0252020	Burdlieqa (Burdlieqa tax-xitwa (miner's lettuce), burdlieqa tal-ġonna, burdlieqa komuni, ħaxixa Ingliża glasswort, Krexxuni (Salsola soda) )		0,02 (*)	<b>0,02 (*)</b>
0252030	Weraq tal-pitravi chard (Weraq tal-pitravi)		0,02 (*)	0,5
0252990	Oħrajn		0,02 (*)	<b>0,02 (*)</b>
0253000	(c) Weraq tad-dielja	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	0,02 (*)
0254000	(d) Krexxuni ta' l-ilma	<b>0,01 (*)</b>	0,02 (*)	0,02 (*)
0255000	(e) Witloof	<b>0,01 (*)</b>	0,02 (*)	0,02 (*)
0256000	(f) Ħwawar	<b>0,02 (*)</b>		2
0256010	Maxxita/Sorfolja		2	
0256020	Kurrat selvaġġ		2	
0256030	Weraq tal-karfus (Weraq tal-bużbież , weraq tal-kosbor, weraq tax-xibt, weraq tal-ħlewwa, lovage, anġelika, sweet cicely u Apiacea oħrajn.)		2	
0256040	Tursin		2	
0256050	Salvja (Sagħtrija (Satureia hortensis, Satureia montana) )		2	
0256060	Klin		2	
0256070	Sagħtar (Merdqux, riegnu)		2	
0256080	Ħabaq (Weraq tal-balzm, pepermint, nagħniegħ)		15	
0256090	Rand		2	
0256100	Stragun (Issopu)		2	
0256990	Oħrajn (Fjuri li jittiekl)		2	
0260000	(vi) <b>Legumi (friski)</b>	<b>0,01 (*)</b>		0,02 (*)
0260010	Fażola (bil-miżwed) (Fażola ħadra, fażola ħamra tixxeblek, slicing bean, yardlong beans)		0,3	
0260020	Fażola (bla miżwed) (Ful, flageolets, jack bean, lima bean, cowpea)		0,02 (*)	
0260030	Piżelli (bil-miżwed) (Mangetout)		0,02 (*)	
0260040	Piżelli (bla miżwed) (Piżelli tal-ġnien, piżelli ħodor, ċiċri)		0,02 (*)	
0260050	Lentils		0,02 (*)	
0260990	Oħrajn		0,02 (*)	
0270000	(vii) <b>Ħxejjex biz-zokk (friski)</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0270010	Asparagu		0,02 (*)	0,02 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0270020	Kardun		3	0,02 (*)
0270030	Karfus		2	<b>0,02 (*) (+)</b>
0270040	Bużbież		3	0,02 (*)
0270050	Qaqoċċ		<b>0,2</b>	2
0270060	Kurrat		0,02 (*)	<b>0,7</b>
0270070	Rubarbru		3	0,02 (*)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu		0,02 (*)	0,02 (*)
0270090	Qlub tal-palma		0,02 (*)	0,02 (*)
0270990	Oħrajn		0,02 (*)	0,02 (*)
0280000	(viii) <b>Fungi</b>	<b>0,01 (*)</b>	0,02 (*)	0,02 (*)
0280010	Ikkultivati (Faqqiegħ komuni, Oyster mushroom, Shi-take)			
0280020	Selvaġġi (Chanterelle, Tartuf, More, Cep)			
0280990	Oħrajn			
0290000	(ix) <b>Algi</b>	<b>0,01 (*)</b>	0,02 (*)	0,02 (*)
0300000	<b>3. ŻRIERAGĦ TAL-LEGUMI MNIXXFA</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0300010	Fażola u ful (Ful, navy beans, flageolets, jack beans, lima beans, field beans, cowpeas)		<b>0,2</b>	0,3
0300020	Lentils		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,5</b>
0300030	Piżelli (Ċiċri, piżelli, ġulbiena)		<b>0,2</b>	0,3
0300040	Lupini		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,05</b>
0300990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>	0,3
0400000	<b>4. ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT</b>	0,02 (*)		
0401000	(i) <b>Żrieragħ taż-żejt</b>			
0401010	Kittien		<b>0,02 (*)</b>	0,2
0401020	Karawett		<b>0,02 (*)</b>	0,04
0401030	Żerriegħet il-pepprin		<b>0,02 (*)</b>	0,2
0401040	Żerriegħet il-ġunġlien		<b>0,02 (*)</b>	0,2
0401050	Żerriegħet il-ġirasol		<b>0,02 (*)</b>	0,3

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0401060	Żerriegħet il-lift (Żerriegħet il-lift tal-għasafar, turnip rape)		<b>0,04</b>	0,2
0401070	Żerriegħet is-sojja		0,5	<b>0,05</b>
0401080	Żerriegħet il-mustarda		<b>0,02 (*)</b>	0,2
0401090	Żerriegħet il-qoton		<b>1</b>	0,3
0401100	Żerriegħa tal-qara' ħamra (Żrieragħ oħrajn tal-cucurbitacea)		<b>0,02 (*)</b>	0,02 (*)
0401110	Għosfor		<b>0,02 (*)</b>	0,2
0401120	Fidloqqom		<b>0,02 (*)</b>	0,2
0401130	Gold of pleasure		<b>0,02 (*)</b>	0,2
0401140	Qanneb		<b>0,02 (*)</b>	0,02 (*)
0401150	Castor bean		<b>0,02 (*)</b>	0,2
0401990	Oħrajn		<b>0,02 (*)</b>	0,02 (*)
0402000	(ii) <b>Frott taż-żejt</b>		0,02 (*)	0,02 (*)
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt			
0402020	Ġewż tal-palm (qlub biż-żejt tal-palm)			
0402030	Frott il-palm			
0402040	Kapok			
0402990	Oħrajn			
0500000	<b>5. ĊERREALI</b>		<b>0,01 (*)</b>	
0500010	Xgħir	<b>0,05 (+)</b>		1
0500020	Qamħ Saraċin (Amaranthus, quinoa)	<b>0,01 (*)</b>		0,02 (*)
0500030	Mais	<b>0,01 (*)</b>		0,02 (*)
0500040	Millieġ (Millieġ foxtail, teff)	<b>0,01 (*)</b>		0,02 (*)
0500050	Ħafur	<b>0,05 (+)</b>		1
0500060	Ross	<b>0,01 (*)</b>		0,02 (*)
0500070	Segala	<b>0,05 (+)</b>		0,2
0500080	Sorgu	<b>0,01 (*)</b>		0,5
0500090	Qamħ (Spelt, triticale )	<b>0,05 (+)</b>		0,2
0500990	Oħrajn	<b>0,01 (*)</b>		0,02 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0600000	<b>6. TÈ, KAFE, INFUŻJONIJIET ERBALI U KAKAW</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	
0610000	(i) <b>TÈ (weraq u zkuk immnixxa, iffermentat jew mhux tal-Camellia sinensis)</b>			<b>0,1 (*)</b>
0620000	(ii) <b>Żrieragħ tal-kafe</b>			<b>0,3 (+)</b>
0630000	(iii) <b>Infużjonijiet erbali (imnixxa)</b>			<b>0,1 (*)</b>
0631000	(a) <b>Fjuri</b>			
0631010	Fjuri tal-kamomilla			
0631020	Fjuri tal-hibiskus			
0631030	Petali tal-ward			
0631040	Fjuri tal-verbena (Fjuri tas-sebuqa (Sambucus nigra).)			
0631050	Xkomp (linden)			
0631990	Oħrajn			
0632000	(b) <b>Weraq</b>			
0632010	Weraq tal-frawli			
0632020	Weraq tar-rooibos (Weraq tal-ġingo)			
0632030	Maté			
0632990	Oħrajn			
0633000	(c) <b>Għerq</b>			
0633010	Għerq il-valerjana			
0633020	Għerq il-ġinseng			
0633990	Oħrajn			
0639000	(d) <b>Infużjonijiet erbali oħra</b>			
0640000	(iv) <b>Kakaw (żrieragħ iffermentati)</b>			<b>0,1 (*)</b>
0650000	(v) <b>Ħarrub</b>			<b>0,1 (*)</b>
0700000	<b>7. HOPS (imnixxa), inklużi pelits tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat</b>	<b>0,05 (*)</b>	0,05 (*)	<b>15</b>
0800000	<b>8. ĦWAWAR</b>	<b>0,05 (*)</b>	0,05 (*)	<b>0,1 (*)</b>
0810000	(i) <b>Żrieragħ</b>			
0810010	Ħlewwa			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0810020	Ħlewwa sewda			
0810030	Żerriegħa tal-karfus (Lovage seed)			
0810040	Żerriegħa tal-kosbor			
0810050	Kemmun			
0810060	Żerriegħa tax-xibt			
0810070	Żerriegħa tal-bużbies			
0810080	Fienu			
0810090	Noċimuskata			
0810990	Oħrajn			
0820000	(ii) <b>Frott u berries</b>			
0820010	Bżar tal-Ġamajka (allspice)			
0820020	Bżar tal-ħlewwa (Bżar tal-Ġappun)			
0820030	Ħlewwa (Caraway)			
0820040	Kardamom			
0820050	Ġnibru			
0820060	Bżar, iswe u abjad (bżar twil, bżar roża)			
0820070	Imżiewed tal-vanilla			
0820080	Tamarind (tamar ta' l-Indja)			
0820990	Oħrajn			
0830000	(iii) <b>Qoxra</b>			
0830010	Kannella (Cassia )			
0830990	Oħrajn			
0840000	(iv) <b>Għeruq jew riżomi</b>			
0840010	Għud is-sus/likwirizja			
0840020	Ġinger			
0840030	Żagħfran ta' l-Indja/kurkuma			
0840040	Ravanell (horse-radish)			
0840990	Oħrajn			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0850000	(v) <b>Rimi</b>			
0850010	Imsiemer tal-qronfol			
0850020	Kappar			
0850990	Oħrajn			
0860000	(vi) <b>Stigma tal-fjuri</b>			
0860010	Żaġħfran			
0860990	Oħrajn			
0870000	(vii) <b>Aril (kisjet iż-żerriegħa)</b>			
0870010	Il-qoxra barranija tan-noċemoskata			
0870990	Oħrajn			
0900000	<b>9. PJANTI TAZ-ZOKKOR</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0900010	Weraq tal-pitravi chard		0,1	<b>0,2</b>
0900020	Kannamieli taz-zokkor		0,02 (*)	0,02 (*)
0900030	Għeruq taċ-ċikwejra		0,02 (*)	0,02 (*)
0900990	Oħrajn		0,02 (*)	0,02 (*)
1000000	<b>10. PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TA' L-ART</b>			
1010000	(1) <b>Laħam, preparazzjonijiet ta' laħam, interni, demm, xaħmijiet ta' l-animali frisk, imkessaħ jew iffriżat, immellaħ fis-salmura, imnixxef jew iffumigat jew ipproċessat fi dqiq jew pasti-prodotti pproċessati oħra bħaz-zalzett u preparazzjonijiet ta' l-ikel ibbażati fuq dawn</b>			0,05 (*)
1011000	(a) <i>Ħnieżer</i>	<b>0,05 (*)</b>		
1011010	Laħam	(+)	2	
1011020	Xaħam mingħajr dgħif	(+)	2	
1011030	Fwied	(+)	0,05	
1011040	Kliewi	(+)	0,05	
1011050	Interni li jittieklu		0,05	
1011990	Oħrajn		<b>0,05</b>	
1012000	(b) <i>Bovini</i>			
1012010	Laħam	<b>0,2 (+)</b>	2	
1012020	Xaħam	<b>0,2 (+)</b>	2	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
1012030	Fwied	<b>0,4 (+)</b>	0,05	
